VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,102, 11 ta' Diċembru, 2018
Taqsima B

A.L. 420 tal-2018

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 47 tal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Prim Ministru, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 399.40.

Jemenda t-Taqsim tar-regolamenti prinċipali.

2. It-Taqsim tar-Regolamenti għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "L-EWWEL SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet Marittimi VHF u EPIRB għal Bastimenti" għandhom jidħlu l-kliem "L-EWWEL SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet Marittimi VHF";

(b) minflok il-kliem "IT-TIENI SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal *Wireless Access Systems*" għandhom jidħlu l-kliem "IT-TIENI SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Sistemi ta' Trasmissjoni b'*Wideband Data*";

(ċ) minflok il-kliem "IS-SEBA' SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Sistemi ta' Allarmi Bla Fili" għandhom jidħlu l-kliem "IS-SEBA' SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Apparat ta' *Low duty cycle/high reliability*";

(d) minflok il-kliem "IT-TMIEN SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Sistemi *Audio* Mingħajr Fili" għandhom jidħlu l-kliem "IT-TMIEN SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Apparat ta' *High Duty cycle*/trasmissjoni kontinwa";

(e) minflok il-kliem "IS-SBATAX-IL SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli" għandhom jidħlu l-kliem "IS-SBATAX-IL SKEDA -

VERŻJONI ELETTRONIKA

Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli li joperaw ma' *Geostationary Satellite Networks*";

(f) minnufih wara l-partita "IT-TNEJN U TLETIN SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Apparat għal Servizzi ta' Komunikazzjoni Mobbli abbord bastimenti", għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ partiti ġodda li ġejjin:

"IT-TLIETA U TLETIN SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal *Radiobeacons*

L-ERBGĦA U TLETIN SKEDA - Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet Terrestri u Marittimi tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli (ESOMP) li joperaw ma' *Non-Geostationary Satellite Networks*".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel t-tifsira "apparat ta' Radio Frequency Identification" jew "apparat ta' RFID" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "antenna li tista' tinqala'" tfisser antenna mwaħħla mal-apparat ta' radjokomunikazzjoni permezz ta' konnettur ta' antenna u li tista' tinqala' mill-utent ta' dak l-apparat;";

(b) minflok it-tifsira "Direttiva 1999/5/KE" għandu jidħol dan li ġej:

" "Direttiva 2014/53/UE" tfisser Direttiva 2014/53/UE tal-tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar- radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE;";

(ċ) minnufih qabel it-tifsira "servizz satellitari mobbli" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "servizz minn satellita fissa" jew "FSS" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fil-Pjan Nazzjonali ta' Frekwenzi għar-Radju;";

(d) it-tifsira "Regolamenti R&TTE" għanda titħassar.

(e) minnufih wara t-tifsira "Regolamenti tar-Radju" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

L.S. 427.41

"Regolamenti dwar it-Tagħmir tar-Radju" tfisser ir-Regolamenti dwar it-Tagħmir tar-Radju;";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(f) minnufih qabel it-tifsira "apparat ta' *Radio Frekwenza Identification*" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "antenna integrali" tfisser antenna li tkun permanentement fissa mal-apparat ta' radjokomunikazzjoni u li ma tistax tinqala' mill-utent ta' dak l-apparat;";

(g) minnufih wara t-tifsira "il-Ministru" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "MMSI" tfisser Identità ta' Servizz Mobbli Marittimu (*Maritime Mobile Service Identity*) u huwa identifikatur uniku b'9 ċifri assenjat mill-Awtorità għat-Trasport jew minn xi awtorità kompetenti oħra;";

(h) minnufih wara t-tifsira "persuna" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "punt ta' aċċess ta' *network*" huwa apparat terrestri fiss ta' medda qasira f'*data network* li jservi ta' punt ta' konnessjoni għal kull apparat l-ieħor ta' medda qasira fid-*data network* biex iservi pjattaformi li jkunu jinsabu 'l barra minn dak id-*data network*;";

(i) (1) minnufih wara t-tifsira "l-Awtorità" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "bastiment" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili;"; Kap. 234.

(2) minnufih wara t-tifsira "il-Komunità" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Konvenzjoni SOLAS" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fir-Regolamenti dwar Tunnellaġġ;"; L.S. 234.19.

(3) minnufih wara t-tifsira "il-Komunità" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ibħra territorjali" għandu jkollha l-istess tifsira kif għandha fl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa;"; u Kap. 226.

(j) minnufih wara t-tifsira "qawwa ta' trasmissjoni kontroll" jew "TPC" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità għat-Trasport" tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta" ". Kap. 499.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 6 tar-regolament prinċipali għandi jiġi emendat kif ġej:

(a) ir-regolament 6 għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu kif enumerat għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Kwalunkwe persuna li taġixxi bi ksur tas-subregolament (1) jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' mhux aktar ħamsa u għoxrin elef euro (€25,000).".

Iħassar ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-EWWEL SKEDA
(Regolament 3)

Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet Marittimi VHF

Applikabilità tal-Ewwel Skeda.
Kap. 234.
Kap. 425.

1. Din l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tapplika għal kull persuna li tinstalla jew tuża Apparat marittimu tal-VHF jew kull apparat maħsub biex jintuża bħala parti komponenti ta' dak l-apparat abbord bastiment reġistrat taħt l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u, jew l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd ħlief għal apparat installat b'mod permanenti fuq il-bastimenti li jaqgħu fl-ambitu tal-Konvenzjoni SOLAS.

Tifsir.

2. F'din l-Iskeda sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor:

"AIS" tfisser sistema ta' identifikazzjoni awtomatika;

"Apparat marittimu tal-VHF" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni li jkun maħsub li jiġi installat u/jew użat minn abbord bastiment, meta dak l-apparat ikun attivat biex jittrasmetti u jirċievi komunikazzjonijiet fuq frekwenzi VHF;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità jew Awtorità għat-Trasport jew kull entità pubblika oħra hekk kif l-Awtorità tista' tqis bħala adatta;

"sejħat b'għażla diġitali" jew "DSC" tfisser teknika li tuża *codes* digitali li bihom stazzjon tar-radju jkun jista' jagħmel kuntatt ma', u

VERŻJONI ELETTRONIKA

jittrasferixxi informazzjoni lil, xi stazzjon ieħor jew lil grupp ta' stazzjonijiet, u li tkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet relevanti tas-settur tar-radjokomunikazzjoni tal-Unjoni Internazzjonali dwar it-Telekomunikazzjoni (ITU);

"Dipartiment tas-Sajd" tfisser l-awtorità kompetenti responsabbli għas-sajd f'Malta;

"frekwenza privata" tfisser frekwenza li tkun ġiet assenjata fuq bażi esklussiva jew bejn tnejn jew aktar lil xi individwu jew kumpannija u meta l-frekwenza ma tkunx konformi mal-frekwenzi VHF;

"frekwenzi VHF" tfisser il-frekwenzi tar-radju deskritti fl-Anness mal-Ewwel Skeda;

"ITU-R M.1084" tfisser l-aktar verżjoni reċenti tar-Rakkomandazzjoni M.1084 tal-ITU li tipprovdi soluzzjonijiet temporanji għal effiċjenza mtejba fl-użu tal-banda 156-174 MHz minn stazzjonijiet fis-servizz mobbli marittimu;

"ITU-R M.1842" tfisser l-aktar verżjoni reċenti tar-Rakkomandazzjoni M.1842 tal-ITU li tiddeskrivi l-karatteristiċi ta' Sistemi tar-radju u tagħmir VHF użat għall-iskambju ta' *data* u posta elettronika fis-servizz mobbli marittimu fil-kanali tar-RR Appendiċi 18;

"ITU-R M.2092" tfisser l-aktar verżjoni reċenti tar-Rakkomandazzjoni M.2092 tal-ITU li tipprovdi l-karatteristiċi tekniki għal sistema ta' skambju ta' *data* tal-VHF fil-banda mobbli marittima tal-VHF;

"numru ta' identifikazzjoni uniku" tfisser identifikatur uniku b'9 ċifri għal apparat VHF marittimu attivat bid-DSC u li jinżamm fl-idejn;

"sigurtà" tfisser it-trasmissjoni ta' twissija importanti ta' tbaħħir jew tat-temp permezz tal-Apparat marittimu tal-VHF ;

"SRC" tfisser ċertifikat għal medda qasira li jinħareġ lil kandidati li jgħaddu minn eżami deskritt fir-Rakkomandazzjoni CEPT/ERC 31-04;

"apparat marittimu tal-VHF li jinżamm fl-idejn" tfisser apparat marittimu tal-VHF li jew ikollu mqabbad miegħu konnettur ta' antenna jew antenna integrali, jew it-tnejn li huma, biex jinġarr minn persuna jew jinżamm fl-idejn.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Lokazzjoni fejn jintuża.

3. (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 7 ta' din l-Iskeda, apparat marittimu tal-VHF li jkollu antenna li tista' tinqala' jista' jiġi biss installat u, jew jintuża minn abbord bastiment.

(2) Apparat marittimu tal-VHF li jkollu antenna integrali għandu jintuża biss minn abbord bastiment.

(3) Apparat marittimu tal-VHF li jinżamm fl-idejn għandu jintuża biss minn abbord bastiment.

Kwalifiki għat-tħaddim ta' apparat marittimu tal-VHF.

4. (1) Ħlief fil-każ ta' komunikazzjonijiet dwar tfittxija u salvataġġ u komunikazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mas-sigurtà tat-tbaħħir, persuna ma tistax topera apparat marittimu tal-VHF kemm-il darba dik il-persuna:

(a) ma tkunx kwalifikata biex topera dak l-apparat, jew

(b) ma tkunx ser topera dak l-apparat taħt is-superviżjoni ta' persuna li tkun kwalifikata biex topera dak l-apparat.

(2) Persuna tkun kwalifikata topera apparat marittimu tal-VHF jekk ikollha, mill-inqas, SRC, jew ikollha kwalifika rikonoxxuta mill-Awtorità għat-Trasport bħala waħda ekwivalenti għal SRC:

Iżda kull ċertifikat jew kwalifika bħal dawk għandha tkun disponibbli biex tiġi spezzjonata fuq talba ta' kull uffiċjal awtorizzat kull meta l-apparat marittimu tal-VHF jiġi installat jew jintuża abbord bastiment.

Responsabbiltà għal apparat marittimu tal-VHF.

5. Kull persuna li jkollha bastiment reġistrat f'isimha ma' l-Awtorità għat-Trasport jew mad-Dipartiment tas-Sajd, tkun responsabbli għal kull apparat marittimu tal-VHF li jinsab li jkun ġie installat jew użat abbord dak il-bastiment.

Sinjali ta' sejħa.

6. (1) Kull persuna li tgawdi minn awtorizzazzjoni ġenerali konformi ma' din l-Iskeda għandha tiżgura li kull bastiment mnejn apparat marittimu tal-VHF jiġi installat jew jintuża, jiġi assenjat sinjal ta' sejħa mill-awtorità kompetenti, u dak is-sinjal ta' sejħa għandu jintuża biss mill-bastiment li jkun reġistrat fuqu.

(2) Is-sinjal ta' sejħa għandu jibqa' jappartjeni lill-bastiment tul ħajtu kollha minkejja kull bdil tas-sid tal-bastiment jew ta' isem il-bastiment.

(3) Sinjal ta' sejħa assenjat ma jistax jiġi trasferit minn bastiment għall-ieħor.

(4) Persuna li topera apparat marittimu tal-VHF għandha tuża s-sinjal ta' sejħa assenjat lill-bastiment mnjen l-apparat marittimu tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

VHF ikun qed jiġi operat fil-bidu ta' kull trasmissjoni, jew sensiela ta' trasmissjonijiet.

MMSI.

7. (1) Kull persuna li tgawdi minn awtorizzazzjoni ġenerali konformi ma' din l-Iskeda għandha tiżgura li l-bastiment mnejn apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC jiġi installat jew jintuża, jiġi assenjat b'MMSI mill-awtorità kompetenti:

Iżda dik il-persuna għandha tiżgura wkoll li l-apparat marittimu tal-VHF ikun programmat kif imiss bin-numru tal-MMSI assenjat:

Iżda wkoll l-apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC programmat bin-numru tal-MMSI assenjat għandu jintuża biss minn abbord il-bastiment assoċjat mal-istess MMSI:

Iżda wkoll persuna li tkun qegħda tittrasferixxi jew tirriloka, jissemma' dan ikun kif ikun, apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC minn bastiment għall-ieħor, għandha tikseb l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti qabel ma tinstalla u, jew tuża l-apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC fuq il-bastiment l-ieħor.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) ma jkunux japplikaw jekk l-apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC ikun apparat marittimu tal-VHF li jinżamm fl-idejn.

(3) MMSI assenjat ma' jistax jiġi trasferit minn bastiment għall-ieħor.

(4) L-MMSI assenjat mill-awtorità kompetenti m'għandux jiġi programmat bħala apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC li jinżamm fl-idejn .

Aktar kondizzjonijiet għal apparat marittimu tal-VHF li jinżamm fl-idejn.

8. (1) Apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC li jinżamm fl-idejn għandu jkollu sistema interna ta' navigazzjoni bis-satellita globali.

(2) Kull persuna li tgawdi minn awtorizzazzjoni ġenerali taħt din l-Iskeda għandha tiżgura li apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC li jinżamm fl-idejn jiġi assenjat b'numru ta' identifikazzjoni uniku mill-awtorità kompetenti:

Iżda dik il-persuna għandha tiżgura wkoll li n-numru ta' identifikazzjoni uniku assenjat ikun programmat ġol-apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC li jinżamm fl-idejn.

(3) Persuna li tittrasferixxi l-proprjetà ta' apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC li jinżamm fl-idejn għandha tgħarraf lill-

VERŻJONI ELETTRONIKA

awtorità kompetenti b'kull trasferiment bħal dak qabel ma twettaq dak it-trasferiment bil-għan li taġġorna d-dettalji li jkollhom x'jaqsmu man-numru ta' identifikazzjoni uniku.

Mod ta' tħaddim u kondizzjonijiet tekniki.

9. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull ħtieġa oħra kif trid il-liġi persuna għandha, sew ġewwa jew barra mill-ibħra territorjali, topera biss l-apparat marittimu tal-VHF b'mod konformi mad-disposizzjonijiet tal-Regolamenti tar-Radju.

(2) Apparat marittimu tal-VHF li jopera fl-ibħra territorjali għandu jopera biss fuq frekwenzi VHF u m'għandu juża ebda frekwenza oħra u, jew kanal ieħor, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom:

Iżda persuna li tkun ġiet assenjata frekwenza privata tista' topera wkoll apparat marittimu tal-VHF kopert minn din l-Awtorizzazzjoni Ġenerali fuq dik il-frekwenza:

Iżda wkoll persuna li tkun ġiet assenjata frekwenza privata għandha tħallas dawk id-drittijiet li jkunu japplikaw taħt l-Ordinanza dwar id-Drittijiet jew taħt kull liġi oħra li tkun tapplika u li tkun fis-seħħ.

Kap. 35.

(3) Apparat marittimu tal-VHF li jopera 'l barra mill-ibħara territorjali għandu juża biss dawk il-frekwenzi jew kanali tar-radju, ikunu kif ikunu dawn jissemmew, li jkunu permessi li jintużaw f'dawk l-ibħra u għandhom jimxu ma' dawk il-modalitajiet, kondizzjonijiet jew limitazzjonijiet li jistgħu jkunu japplikaw f'dawk l-istess ibħra.

(4) Apparat marittimu tal-VHF għandu, mill-inqas, ikun jista' jibgħat u jirċievi komunikazzjonijiet bir-radjutelefonija fuq:

(a) il-frekwenza ta' periklu, sigurtà u sejħat 156.800 MHz (kanal 16);

(b) il-frekwenza primarja bejn bastimenti 156.300 MHz (kanal 06);

(ċ) il-frekwenza ta' sigurtà ta' navigazzjoni bejn bastimenti 156.650 MHz (kanal 13); u

(d) il-frekwenzi kollha meħtieġa biex dawn jiġu servuti.

(5) B'żieda mal-frekwenzi jew kanali tar-radju, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, elenkati fil-paragrafu (4) hawn qabel, apparat marittimu tal-VHF attivat bid-DSC għandu jkun jista' wkoll jibgħat u jirċievi emissjonijiet fuq il-frekwenza 156.525 MHz (kanal

VERŻJONI ELETTRONIKA

70).

(6) Mingħajr preġudizzju mal-restrizzjonijiet ta' qawwa ta' trasmissjoni kif inhuma stabbiliti fl-Anness ma' din l-Iskeda, il-livell ta' *carrier power* ta' trasmissjoni ta' apparat marittimu tal-VHF m'għandux jaqbeż il-25 Watt:

Iżda kull meta jkun possibbli, l-apparat marittimu tal-VHF għandu jiġi regolat biex jopera fuq mod ta' tħaddim b'qawwa baxxa ta' trasmissjoni:

Iżda wkoll l-apparat marittimu tal-VHF m'għandu b'ebda mod jiġi konness ma' amplifikaturi maħsuba biex iżidu l-livell ta' *carrier power* ta' trasmissjoni.

(7) Meta tuża apparat marittimu tal-VHF persuna għandha tħares l-istruzzjonijiet kollha, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, li jkollhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet u li jistgħu jingħataw mill-awtoritajiet lokali responsabbli għas-sigurtà tat-tbaħħir u għat-tfittxija u salvataġġ.

Komunikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-periklu u sigurtà.

10. (1) Persuna għandha tiżgura li l-apparat marittimu tal-VHF jintuża mill-inqas biex inaqqas okkupanza tal-frekwenza:

Iżda meta jkun qed jintuża dak l-apparat il-persuna għandha tiżgura li tingħata prioritá f'kull waqt lil komunikazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-periklu u sigurtà.

(2) Biex jitħaffef il-qbid ta' sinjali ta' periklu u ta' traffiku, it-trasmissjonijiet kollha fuq 156.800 MHz (kanal 16) għandhom jinżammu qosra u m'għandhomx idumu iżjed minn minuta.

(3) Qabel ma tittrasmetti fuq il-frekwenza 156.800 MHz (kanal 16) persuna għandha tisma' fuq din il-frekwenza għal żmien raġonevoli sabiex tiżgura li ma jkun qed jintbagħat ebda traffiku ta' periklu.

(4) Kull persuna għandha taċċetta, bi prijorità assoluta u f'kull każ, sejħat ta' periklu u messaġġi irrespettivament ta' minn fejn joriġinaw, u għandha twieġeb bl-istess mod għal dawk il-messaġġi minnufih u tieħu dik l-azzjoni dwarhom hekk kif jista' jkun meħtieġ.

VERŻJONI ELETTRONIKA

ANNESS MAL-EWWEL SKEDA
(Paragrafu 9 tal-Ewwel Skeda)

Tabella tal-Frekwenzi VHF

Nominatur ta' kanal	Noti	Frekwenzi ta' trasmissjoni (MHz)		Bejn il-bastimenti	Operazzjonijiet fil-port u tħarrik ta' bastimenti		Korrispondenza pubblika
		Minn stazzjonijiet ta' bastimenti	Minn stazzjonijiet fuq il-kosta		Frekwenza unika	Frekwenza doppja	
60	*m)*	156.025	160.625		x	x	x
01	*m)*	156.050	160.650		x	x	x
61	*m)*	156.075	160.675		x	x	x
02	*m)*	156.100	160.700		x	x	x
62	*m)*	156.125	160.725		x	x	x
03	*m)*	156.150	160.750		x	x	x
63	*m)*	156.175	160.775		x	x	x
04	*m)*	156.200	160.800		x	x	x
64	*m)*	156.225	160.825		x	x	x
05	*m)*	156.250	160.850		x	x	x
65	*m)*	156.275	160.875		x	x	x
06	*f)*	156.300		x			
2006	*r)*	160.900	160.900				
66	*m)*	156.325	160.925		x	x	x
07	*m)*	156.350	160.950		x	x	x
67	*h)*	156.375	156.375	x	x		
08		156.400		x			
68		156.425	156.425		x		
09		156.450	156.450	x	x		
69		156.475	156.475	x	x		
10	*h), q)*	156.500	156.500	x	x		
70	*f), j)*	156.525	156.525	Sejħat b'għażla diġitali for periklu, sigurtà u sejħat			
11	*q)*	156.550	156.550		x		
71		156.575	156.575		x		
12		156.600	156.600		x		
72		156.625		x			
13	*k)*	156.650	156.650	x	x		
73	*h)*	156.675	156.675	x	x		
14		156.700	156.700		x		
74		156.725	156.725		x		
15	*g)*	156.750	156.750	x	x		
75	*n), s)*	156.775	156.775		x		
16	*f)*	156.800	156.800	PERIKLU, SIGURTÀ U SEJĦAT			
76	*n), s)*	156.825	156.825		x		
17	*g)*	156.850	156.850	x	x		
77		156.875		x			
18	*m)*	156.900	161.500		x	x	x
78	*m)*	156.925	161.525		x	x	x
1078		156.925	156.925		x		
2078	*mm)*		161.525		x		
19	*m)*	156.950	161.550		x	x	x
1019		156.950	156.950		x		
2019	*mm)*		161.550		x		
79	*m)*	156.975	161.575		x	x	x
1079		156.975	156.975		x		
2079	*mm)*		161.575		x		
20	*m)*	157.000	161.600		x	x	x
1020		157.000	157.000		x		
2020	*mm)*		161.600		x		
80	*y)*	157.025	161.625		x	x	x
21	*y)*	157.050	161.650		x	x	x
81	*y)*	157.075	161.675		x	x	x
22	*y)*	157.100	161.700		x	x	x
82	*y)*	157.125	161.725		x	x	x
23	*y)*	157.150	161.750		x	x	x
83	*y)*	157.175	161.775		x	x	x
24	*w), xx)*	157.200	161.800		x	x	x

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nominatur ta' kanal	Noti	Frekwenzi ta' trasmissjoni (MHz)		Bejn il-bastimenti	Operazzjonijiet fil-port u tharrik ta' bastimenti		Korrispondenza pubblika
		Minn stazzjonijiet ta' bastimenti	Minn stazzjonijiet fuq il-kosta		Frekwenza unika	Frekwenza doppja	
1024	*w), xx)*	157.200					
2024	*w), xx)*	161.800	161.800	x (diġitali biss)			
84	*w), xx)*	157.225	161.825		x	x	x
1084	*w), xx)*	157.225					
2084	*w), xx)*	161.825	161.825	x (diġitali biss)			
25	*w), xx)*	157.250	161.850		x	x	x
1025	*w), xx)*	157.250					
2025	*w), xx)*	161.850	161.850	x (diġitali biss)			
85	*w), xx)*	157.275	161.875		x	x	x
1085	*w), xx)*	157.275					
2085	*w), xx)*	161.875	161.875	x (diġitali biss)			
26	*w)*	157.300	161.900		x	x	x
1026	*w)*	157.300					
2026	*w)*		161.900				
86	*w)*	157.325	161.925		x	x	x
1086	*w)*	157.325					
2086	*w)*		161.925				
27	*z)*	157.350	161.950			x	x
1027	*z), zz)*	157.350	157.350		x		
2027*	*z)*	161.950	161.950				
87	*z), zz)*	157.375	157.375		x		
28	*z)*	157.400	162.000			x	x
1028	*z), zz)*	157.400	157.400		x		
2028*	*z)*	162.000	162.000				
88	*z), zz)*	157.425	157.425		x		
AIS 1	*f), l), p)*	161.975	161.975				
AIS 2	*f), l), p)*	162.025	162.025				

*) Mill-1 ta' Jannar 2019, il-kanal 2027 ser jissejjaħ ASM 1 u l-kanal 2028 ser jissejjaħ ASM 2.

Dispożizzjonijiet speċifiċi:

f) Il-frekwenzi 156.300 MHz (kanal 06), 156.525 MHz (kanal 70), 156.800 MHz (kanal 16), 161.975 MHz (AIS 1) u 162.025 MHz (AIS 2) jistgħu jintużaw ukoll minn stazzjonijiet fuq inġenji tal-ajru li jkunu qegħdin jagħmlu operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ u komunikazzjonijiet oħra li jkollhom x'jaqsmu mas-sigurtà.

g) Fl-ibħra territorjali, il-kanali 15 u 17 jistgħu jintużaw ukoll għal komunikazzjonijiet abbord sakemm il-qawwa radjata effettiva ma tkunx iżjed minn 1 W.

VERŻJONI ELETTRONIKA

h) Jekk ikun hekk meħtieġ, il-kanali 10, 67 u 73 jistgħu jintużaw ukoll għal komunikazzjonijiet bejn stazzjonijiet fuq bastiment, stazzjonijiet fuq inġenji tal-ajru u stazzjonijiet fuq l-art li jkunu qegħdin jipparteċipaw u li jkunu qegħdin jagħmlu operazzjonijiet koordinati ta' tfittxija u salvataġġ u kontra t-tinġis f'żoni lokali.

j) Il-kanal 70 għandu jintuża esklużivament għal sejħat b'għażla diġitali għal periklu, sigurtà u sejħat.

k) Il-kanal 13 hu maħsub biex jintuża mad-dinja kollha bħala kanal ta' komunikazzjoni għas-sigurtà fin-navigazzjoni, prinċipalment għal komunikazzjonijiet għas-sigurtà fin-navigazzjoni bejn bastimenti.

l) Il-kanal AIS 1 u AIS 2 jintużaw għal sistema ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) li tkun tista' tipprovdi tħaddim mad-dinja kollha.

m) Dawn il-kanali jistgħu jiġu operati bħala kanali ta' frekwenza unika sakemm ikun hemm konformità ma' dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- Il-porzjon ta' frekwenza baxx ta' dawn il-kanali jista' jiġi operat bhala kanali ta' frekwenza unika minn stazzjonijiet ta' bastimenti u fuq il-kosta.

- Trasmissjoni li tuża l-porzjon ta' frekwenza ogħla ta' dawn il-kanali tkun limitata għal stazzjonijiet fuq il-kosta.

- Il-porzjon ta' frekwenza ogħla ta' dawn il-kanali jista' jintuża minn stazzjonijiet fuq bastiment għal trasmissjoni. Għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata kull interferenza dannuża għall-kanali AIS 1, AIS 2, 2027 u 2028.

mm) Trasmissjoni fuq dawn il-kanali tkun limitata għal stazzjonijiet fuq il-kosta. Dawn il-kanali jistgħu jintużaw ukoll minn stazzjonijiet fuq bastiment għal trasmissjoni. Għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata kull interferenza dannuża għall-kanali AIS 1, AIS 2, 2027, 2028.

n) Ħlief għal AIS, l-użu tal-kanali 75 u 76 għandu jkun ristrett għal komunikazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu man-navigazzjoni biss u għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata kull interferenza dannuża għall-kanal 16, billi tiġi limitata l-qawwa emittenti għal 1 W.

p) Il-kanali AIS 1 u AIS 2 jistgħu jintużaw mis-servizz

VERŻJONI ELETTRONIKA

mobbli bis-satellita (mill-art lejn l-ispazju) għar-riċezzjoni tat-trasmissjonijiet AIS mill-bastimenti.

q) Meta jkunu qegħdin jintużaw il-kanali 10 u 11, għandhom jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata kull interferenza dannuża għall-kanal 70.

r) Din il-frekwenza hija riservata għal użu sperimentali għal applikazzjonijiet jew sistemi futuri.

s) Il-kanali 75 u 76 huma wkoll allokati għas-servizz mobbli bis-satellita (mill-art lejn l-ispazju) għar-riċezzjoni ta' messaġġi mxandra bl-AIS fuq medda twila minn bastimenti (Messaġġ 27).

w) Il-bandi ta' frekwenza 157.200-157.325 MHz u 161.800-161.925 MHz (li jikkorrispondu għall-kanali: 24, 84, 25, 85, 26 u 86) huma assenjati biex tiġi utilizzata s-Sistema ta' Skambju ta' *Data* VHF (VDES) deskritti f'ITU-R M.2092 minn dik id-data li tiġi stabbilita mill-Awtorità, u dik id-data u kull informazzjoni relevanti konkomitanti għandha tiġi pubblikata mill-Awtorità fuq is-sit elettroniku tagħha. Dawn il-bandi ta' frekwenza jistgħu jintużaw ukoll għal modulazzjoni analoga deskritt f'ITU-R M.1084 sakemm ma tiġi kaġunata ebda interferenza dannuża u lanqas ma tintalab protezzjoni minn stazzjonijiet oħra fis-servizz mobbli marittimu bl-użu ta' emissjonijiet modulati diġitalment.

xx) Minn dik id-data li tiġi stabbilita mill-Awtorità u dik id-data għandha tiġi pubblikata fuq is-sit elettroniku tagħha, il-kanali 24, 84, 25 u 85 jistgħu jiġu amalgamati biex jiffurmaw kanal *duplex* uniku li jkollu banda ta' frekwenza ta' 100 kHz biex jopera l-komponent terrestri tas-sistema ta' skambju ta' data VHF (VDES) deskritta f'ITU-R M.2092.

y) Dawn il-kanali jistgħu jiġu operati bħala kanali bi frekwenza singola jew *duplex*.

z) Mill-1 ta' Jannar 2019, kull wieħed minn dawn il-kanali jinqasam f'żewġ kanali *simplex*. Il-kanali 2027 u 2028 msemmija bħala ASM 1 u ASM 2 jintużaw għal messaġġi ta' applikazzjonion speċifika (ASM) kif deskritti f'ITU-R M.2092.

zz) Mill-1 ta' Jannar 2019, il-kanali 1027, 1028, 87 u 88 għandhom jintużaw bħala kanali ta' frekwenza unika analog għal tħaddim fil-port u tħarrik ta' bastimenti.

Aktar dispożizzjonijiet speċifiċi:

aa) Il-kanal 09 - Pilotaġġ u irmiġġ (MMP) u lanċa tal-pilota.

VERŻJONI ELETTRONIKA

ab) Il-kanali 10, 68 u 74 - Rmonk (kanali konnessi mal-irmonk).

ac) Il-kanal 11 - Twissijiet għan-navigazzjoni/xandiriet ta' tbassir tat-temp.

ad) Il-kanal 12 - Kontroll tal-port tal-Belt Valletta.

ae) Il-kanal 13 - Terminals/Marini tad-dgħajjes.

af) Il-kanal 14 - Kontroll tal-port ta' Marsaxlokk.

ag) Il-kanal 20 – Għajnuna għan-navigazzjoni/istruzzjonijiet speċjali lil xi bastiment speċifiku.

ah) Il-kanal 22 - Operazzjonijiet ta' emerġenza/tniġġis miż-żejt, etc.

ai) Il-kanal 69 - Sistema ta' Malta għat-Traffiku tal-Bastimenti.".

Jissostitwixxi t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

6. Minflok it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TIENI SKEDA
(Regolament 3)

Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Sistemi ta' Trasmissjoni b'*Wideband Data*

Applikabilità tat-Tieni Skeda.

1. Din l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tapplika għal kull persuna li tinstalla jew tuża sistema ta' trasmissjoni b'*wideband data* jew kull apparat maħsub biex jintuża bħala parti komponenti ta' dik is-sistema.

Tifsir.

2. F'din l-Iskeda sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor:

"EN 301 893" tfisser l-istandard Ewropew armonizzat għal sistemi ta' aċċess mingħajr fili 5 GHz inklużi tagħmir tar-radju ta' *local area network* li jkopri l-ħtiġiet essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE;

"sistema ta' trasmissjoni b'*wideband data*" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni li juża tekniki ta' modulazzjoni *wideband* biex ikollu aċċess għall ispettru, inklużi sistemi ta' aċċess mingħajr fili bħalma huma *local area networks* tar-radju.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Parametri tekniċi minimi.

3. (1) Il-parametri tekniċi minimi ta' sistemi ta' trasmissjoni b'*wideband data* għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness ma' din l-Iskeda.

(2) Kull persuna li tgawdi minn din l-awtorizzazzjoni ġenerali jista' jkollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha sistema ta' trasmissjoni b'*wideband data*, imma b'parametri tekniki differenti minn dawk speċifikati fl-Anness ma' din l-Iskeda:

Iżda meta tkun qegħda topera dawk sistemi ta' trasmissjoni b'*wideband data* l-persuna li tkun qegħda tgawdi minn din l-awtorizzazzjoni ġenerali għandha tara li jitħarsu l-parametri tekniki speċifikati fl-Anness ma' din l-Iskeda.

ANNESS MAT-TIENI SKEDA
(Paragrafu 3 tat-Tieni Skeda)

Parametri Tekniki Minimu ta' Sistemi ta' Trasmissjoni b'*Wideband Data*

Banda ta' Frekwenza	**Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/limitu ta' densità ta' qawwa**	**Parametri addizzjonali**	**Restrizzjonijiet oħra dwar l-użu**
863-868 MHz	25mW e.r.p	Għandhom jintużaw tekniki li jaċċessaw l-ispettru u jtaffu l-interferenza u li mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE. Banda ta' frekwenza: ≤ 1 MHz *Duty cycle*: ≤ 10% għal punt ta' aċċess ta' *networks* *Duty cycle*: ≤ 2.8% xort'oħra	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet ta' użu hija biss disponibbli għal apparat ta' medda qasira (SRD) *wideband* f'*data networks.*

2400-2483.5 MHz	100 mW e.i.r.p. Id-densità ta' e.i.r.p. ta' 100 mW/100 kHz tapplika meta tintuża l-modulazzjoni ta' *frequency hopping*. Id-densità ta' e.i.r.p. ta' 10 mW/MHz tapplika meta jintużaw tipi ta' modulazzjoni oħra.	Għandhom jintużaw tekniki li jaċċessaw l-ispettru u jtaffu l-interferenza u li mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE.	
5150-5250 MHz	*200 mW mean e.i.r.p.* Id-densità ta' e.i.r.p. ta' 10 mW/MHz fi kwalunkwe faxxa ta' 1 MHz.		Għall-użu fuq ġewwa biss.
5250-5350 MHz	*200 mW mean e.i.r.p.* Id-densità ta' e.i.r.p. ta' 10 mW/MHz fi kwalunkwe faxxa ta' 1 MHz.	Ir-Regolatur tal-Qawwa tat-Trażmettitur *(Transmitter Power Control (TPC))* għandu jintuża biex jipprovdi, medjament, fattur li jtaffi ta' mill-inqas 3 dB fuq l-ogħla qawwa ta' trasmissjoni permessa tas-sistema. Jekk it-TPC ma jkunx qed jintuża, l-ogħla qawwa ta' trasmissjoni permessa u l-ogħla limiti ta' densità ta' qawwa permessi għandhom jitnaqqsu bi 3 dB. Is-sistemi għandhom jużaw tekniki ta' taffija li mill-inqas jagħtu l-istess protezzjoni bħall-ħtiġiet ta' kxif, operattività u rispons deskritti f'EN 301 893 sabiex jiġi żgurat operat kompatibbli tas-sistemi ta' radju-determinazzjoni. Dawk it-tekniki ta' taffija għandhom jekwalizzaw il-probabbiltà tal-għażla ta' kanal speċifiku għall-kanali disponibbli kollha sabiex tiġi żgurata, medjament, medda kważi-uniformi ta' *spectrum loading*.	Għall-użu fuq ġewwa biss.
5470-5725 MHz	*1 W mean e.i.r.p.* Id-densità ta' e.i.r.p. ta' 50 mW/MHz fi kwalunkwe faxxa ta' 1 MHz.		

VERŻJONI ELETTRONIKA

57.0-66.0 GHz	*40 dBm mean e.i.r.p.* Id-densità ta' e.i.r.p. ta' 13 dBm/MHz.	Għandhom jintużaw tekniki li jaċċessaw l-ispettru u jtaffu l-interferenza u li mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE.	L-installazzjonijiet fissi fuq barra huma esklużi.

".

7. L-Anness mar-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) minflok il-kliem "ir-Regolamenti R&TTE" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "id-Direttiva 2014/53/UE";

(b) il-kliem "L-applikazzjonijiet video huma esklużi" elenkati fil-qasam ta' "Parametri oħra dwar l-użu" tal-banda ta' frekwenza 40.66-40.7 MHz, għandhom jitħassru;

(ċ) il-kliem "L-applikazzjonijiet *analogue audio* minbarra dawk bil-vuċi huma esklużi" u "L-applikazzjonijiet *analogue video* huma esklużi" elenkati fil-qasam ta' "Parametri oħra dwar l-użu" tal-banda ta' frekwenza 863-865 MHz, għandhom jitħassru; u

(d) minflok il-banda ta' frekwenza 122-123 GHz, għandhom jidħlu dawn iż-żewġ annotazzjonijiet li ġejjin:

Banda ta' Frekwenza	Limitu ta' trasmissjoni ta' qawwa/limitu ta' densità ta' qawwa	Parametri addizzjonali	Parametri oħra għall-użu
122.25-123 GHz	122-122.25 GHz10 dBm e.i.r.p/. 250 MHz u -48 dBm/MHz f'elevazzjoni ta' 30º		
	100 mW e.i.r.p.		

".

8. Is-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej: Jemenda s-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) il-paragrafu 3 tagħha għandu jitħassar;

(b) il-paragrafi 4 u 5 tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi 3 u 4; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) fit-test Malti tal-Anness mas-Sitt Skeda, minflok il-kliem "Paragrafu 2 tas-Sitt Skeda" għandhom jidħlu l-kliem "Paragrafu 3 tas-Sitt Skeda".

Jissostitwixxi s-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

9. Minflok s-Seba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IS-SEBA' SKEDA
(Regolament 3)

Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Apparat ta'
Low duty cycle/high reliability

1. Din l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tapplika għal kull persuna li tinstalla jew tuża Apparat ta' *Low duty cycle/high reliability* jew kull apparat maħsub biex jintuża bħala parti komponenti ta' dan l-apparat.

2. F'din l-Iskeda:

"allarmi" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni li juri li jkun hemm allerta għal xi sistema jew persuna, bħala funzjonalità prinċipali, x'imkien 'il bogħod;

"allarmi soċjali" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni li jippermettu komunikazzjoni affidabbli għal persuna li tkun tinsab fil-periklu;

"apparat *low duty cycle/high reliability*" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni li jiddependi minn regoli dwar *low overall spectrum utilisation* u *low duty cycle spectrum access* sabiex jiġi żgurat aċċess għall-ispettru tassew affidabbli u trasmissjonijiet f'bandi parteċipati, li jinkludu sistemi ta' allarm li jużaw ir-radjukomunikazzjonijiet biex juru li jkun hemm kondizzjonijiet ta' allerta x'imkien fil-bogħod u sistemi ta' allarmi soċjali li jippermettu komunikazzjoni affidabbli għal persuna li tkun tinsab fil-periklu.

Il-parametri tekniċi minimi ta' apparat ta' *low duty cycle/high reliability* għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness ma' din l-Iskeda.

VERŻJONI ELETTRONIKA

ANNESS MAS-SEBA' SKEDA
(Paragrafu 3 tas-Seba' Skeda)

Parametri tekniċi minimi għal Apparat ta'
Low duty cycle/high reliability

Banda ta' frekwenza	Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/limitu ta' *field strength*/limitu ta' densità tal-qawwa	Parametri addizzjonali	Parametri oħra għall-użu
868.6-868.7 MHz	10 mW e.r.p.	Spazjar ta' kanali: 25 kHz. Il-banda ta' frekwenza kollha tista' tintuża wkoll bħala kanal uniku għat-trasmissjoni ta' *data* b'veloċità għolja. Limitu ta' *duty cycle*: 1.0%	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet għall-użu hija disponibbli biss għal allarmi.
869.2-869.25 MHz	10 mW e.r.p.	Spazjar ta' kanali: 25 kHz. Limitu ta' *duty cycle*: 0.1%	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet għall-użu hija disponibbli biss għal allarmi soċjali.
869.25-869.3 MHz	10 mW e.r.p.	Spazjar ta' kanali: 25 kHz. Limitu ta' *duty cycle*: 0.1%	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet għall-użu hija disponibbli biss għal allarmi.
869.3-869.4 MHz	10 mW e.r.p.	Spazjar ta' kanali: 25 kHz. Limitu ta' *duty cycle*: 1%	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet għall-użu hija disponibbli biss għal allarmi.
869.65-869.7 MHz	25 mW e.r.p.	Spazjar ta' kanali: 25 kHz. Limitu ta' *duty cycle*: 10%	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet għall-użu hija disponibbli biss għal allarmi.

".

10. Minflok it-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Jissostitwixxi t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

"IT-TMIEN SKEDA
(Regolament 3)

Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Apparat ta'
High Duty cycle/trasmissjoni kontinwa

1. Din l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tapplika għal kull persuna li tinstalla jew tuża apparat ta' *High Duty cycle*/trasmissjoni kontinwa jew kull apparat maħsub biex jintuża bħala parti komponenti ta' dan l-apparat.

2. F'din l-Iskeda:

"apparat ta' *High Duty cycle*/trasmissjoni kontinwa" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni li jiddependi minn trasmissjonijiet ta' *low latency* u *high duty cycle*, li tinkludi apparat għal *audio* personali mingħajr fili u sistemi *multimedia streaming* li jintuża għal trasmissjonijiet *audio/video* mgħaqqdin u sinjali *sync audio/video*, telefonija ċellulari, sistemi awtomotivati jew għal divertiment fid-dar, mikrofoni bla fili, *cordless loudspeakers*, *cordless headphones*, apparat tar-radju li persuna ġġorr fuqha, apparat għal smigh bl-għajnuna, *in-ear monitoring*, mikrofoni mingħajr fili li jintużaw waqt il-kunċerti jew produzzjonijiet teatrali oħra, u trasmettituri *analogue* FM ta' qawwa baxxa.

3. Il-parametri tekniċi minimi ta' apparat ta' *high duty cycle*/ trasmissjoni kontinwa għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness ma' din l-Iskeda.

VERŻJONI ELETTRONIKA

ANNESS MAT-TMIEN SKEDA
(Paragrafu 3 tat-Tmien Skeda)

Parametri tekniċi minimi ta' Apparat ta' *high duty cycle*/trasmissjoni kontinwa

Banda ta' frekwenza	Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/limitu ta' field strength/limitu ta' densità tal-qawwa	Parametri addizzjonali	Parametri oħra għall-użu
87.5-108 MHz	50 nW e.r.p.	Spazjar ta' kanali: sa 200 kHz.	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet ta' użu hija biss disponibbli għal *audio* mingħajr fili u *multimedia streaming* trasmettituri b'modulazzjoni ta' frekwenza (FM) *analogue*.
863-865 MHz	10 mW e.r.p.		Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet ta' użu hija biss disponibbli għal *audio* mingħajr fili u apparat ta' *multimedia streaming*.

".

11. Minflok l-Għaxar Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jissostitwixxi l-Għaxar Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"L-GĦAXAR SKEDA
(Regolament 3)

Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Apparat ta' radjokomunikazzjoni PMR 446

1. Din l-Iskeda tapplika għal kull persuna li tinstalla jew tuża apparat ta' radjokomunikazzjoni PMR 446 jew kull apparat maħsub biex jintuża bħala komponent ta' dak l-apparat. Applikabilità tal-Għaxar Skeda.

2. F'din l-Iskeda sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor: Tifsir.

"apparat ta' radjokomunikazzjoni PMR 446" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni li jista' jinżamm fl-idejn u li juża antenni integrali biss sabiex ikabbar kemm jista' il-parteċipazzjoni u jnaqqas

VERŻJONI ELETTRONIKA

kemm jista' l-interferenza.

Parametri tekniċi minimi u limitazzjonijiet.

3. (1) Apparat ta' radjokomunikazzjoni PMR 446 għandu jopera b'modalità bejn il-pari u m'għandux jiġi użat bħala parti minn *network* ta' infrastruttura jew bħala ripetitur.

(2) Il-parametri tekniċi minimi ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni PMR 446 għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness ma' din l-Iskeda.

ANNESS MAL-GĦAXAR SKEDA
(Paragrafu 3 tal-Għaxar Skeda)

Parametri tekniċi minimi ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni PMR 446

Banda ta' frekwenza	Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/limitu ta' field strength/limitu ta' densità tal-qawwa	Parametri oħra għall-użu
446-446.2 MHz	500 mW e.r.p.	Għandhom jintużaw tekniki biex jiġi aċċessat l-ispettru u tittaffa l-interferenza li jipprovdu mill-inqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE.

".

Jemenda l-Ħdax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

12. Il-Ħdax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2 tagħha, minflok it-tifsira "ETSI EN 302 435" għandu jidħol dan li ġej:

" "ETSI EN 302 065-4" tfisser Apparat ta' medda qasira (SRD) li juża teknoloġija *Ultra Wide Band* (UWB); Standard Armonizzat li jkopri l-ħtiġiet essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE; Taqsima 4: Apparat ta' Detezzjoni ta' Materjal li juża teknoloġija UWB taħt 10,6 GHz;";

(b) fil-paragrafu 2 tagħha, minflok it-tifsira "*total radiated power spectral density*" għandu jidħol dan li ġej:

" "*total power spectral density*" tfisser il-medja tal-valuri ta' densità spettrali ta' qawwa medja mkejla fuq sfera fl-ambitu tax-xenarju tal-kejl b'riżoluzzjoni ta' mill-inqas 15-il grad. Il-konfigurazzjoni dettaljata tinsab f'ETSI EN 302 065-4;";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) fl-Anness mal-Ħdax-il Skeda, minnufih fi tmiem l-Anness għandu jiżdied dan li ġej:

"5. Apparat ta' detezzjoni ta' materjal li juża teknoloġija UWB

5.1 Apparat ta' detezzjoni ta' materjal

Apparat ta' detezzjoni ta' materjal permess taħt din l-Iskeda għandu jwettaq dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

- *Stallazzjoni fissa (applikazzjoni A)*
  - It-trasmettitur għandu jintefa jekk il-magna ma tkunx qegħda taħdem, "*running sensor*";
  - It-trasmettitur għandu jimplimenta TPC b'medda dinamika ta' 10 dB, kif deskritt fl-Istandard Armonizzat ETSI EN 302 065-4 għal apparat ta' detezzjoni ta' materjal;
  - It-trasmettitur għandu jkun imwaħħal mal-istallazzjoni fissa.
- *Stallazzjoni mhux fissa (applikazzjoni B)*
  - It-trasmettitur li jkun qed jaħdem biss jekk dan ikun operat bl-idejn ma' swiċċ li ma jibblukkax (e.g. jista' jagħmilha ta' sensur biex jara jkunx hemm id l-operatur fin-nofs) kif ukoll jekk dan ikun f'kuntatt jew fil-viċin ħafna mal-materjal investigat u l-emissjonijiet jiġu diretti fid-direzzjoni tal-oġġett materjali (e.g. mkejla minn sensur tal-viċinanza jew imposti mid-disinn mekkaniku);
  - It-trasmettitur għandu jintefa jekk il-magna ma tkunx qegħda taħdem, "*running sensor*".

Emissjonijiet li jirradjaw minn apparat ta' detezzjoni ta' materjal permess taħt din l- awtorizzazzjoni ġeneraligħandhom jinżammu qosra u f'kull każ ma jkunux jeċċedu l-limiti ta' densità e.i.r.p. li jinsabu f'din it-Tabella li ġejja. Il-konformità mal-limiti ta' din it-Tabella li ġejja għal istallazzjonijiet mhux fissi (applikazzjoni B) għandha tiġi żgurata mal-apparat fuq struttura rappreżentattiva tal-materjal investigat (e.g. ħajt rappreżentattiv kif imfisser f'ETSI EN 302 065-4).

VERŻJONI ELETTRONIKA

Medda ta' frekwenza	**Stallazzjonijiet fissi (Applikazzjoni A)**		**Stallazzjonijiet mhux fissi (Applikazzjoni B) Densità spettrali ta' qawwa medja massima (e.i.r.p)**
	Densità spettrali ta' qawwa medja massima (e.i.r.p)	**Densità spettrali ta' qawwa medja massima (e.i.r.p.) fil-pjan orizzontali (elevazzjoni -20° sa 30°)**	
Taħt 1.73 GHz	-85 dBm/MHz		-85 dBm/ MHz
1.73 sa 2.2 GHz	-65 dBm/MHz	-70 dBm / MHz	-70 dBm/ MHz
2.2 sa 2.5 GHz	-50 dBm/MHz		-50 dBm/ MHz
2.5 sa 2.69 GHz	-65 dBm/ MHz[1]	-70dBm/MHz	-65 dBm/ MHz[1 u 2]
2.69 sa 2.7 GHz	-55 dBm/MHz	-75 dBm/MHz	-70 dBm/ MHz[3]
2.7 sa 2.9 GHz	-50 dBm/MHz	-70 dBm/MHz	-70 dBm/ MHz
2.9 sa 3.4 GHz	-50 dBm/MHz	-70 dBm/MHz	-70 dBm/ MHz[1]
3.4 sa 3.8 GHz	-50 dBm/MHz	-70 dBm/MHz	-50 dBm/ MHz[2 u 3]
3.8 sa 4.8 GHz	-50 dBm/MHz		-50 dBm/ MHz
4.8 sa 5 GHz	-55 dBm/MHz	- 75 dBm/ MHz	-55 dBm/ MHz[2 u 3]
5 sa 5.25 GHz	-50 dBm/MHz		-50 dBm/ MHz
5.25 sa 5.35 GHz	-50 dBm/MHz	- 60 dBm/ MHz	-60 dBm/ MHz
5.35 sa 5.6 GHz	-50 dBm/MHz		-50 dBm/ MHz
5.6 sa 5.65 GHz	-50 dBm/MHz	-65 dBm/MHz	-65 dBm/ MHz
5.65 sa 5.725 GHz	-50 dBm/MHz	-60 dBm/MHz	-60 dBm/ MHz
5.725 sa 8.5 GHz	-50 dBm/MHz		-50 dBm/ MHz
8.5 sa 10.6 GHz	-65 dBm/MHz		-65 dBm/ MHz
'l fuq minn 10.6 GHz	-85 dBm/MHz		-85 dBm/ MHz

Il-*peak power* (f' dBm) mkejla f'banda ta' frekwenza ta' 50 MHz għandha tkun inqas mil-limitu li jinkiseb meta fattur ta' konverżjoni (25dB) jiżdied mal-limitu tad-'densità spettrali ta' qawwa medja massima' (f'dBm/MHz).

VERŻJONI ELETTRONIKA

[1] Apparat li juża mekkaniżmu ta' *Listen Before Talk* (LBT), kif deskritt fl-Istandard Armonizzat ETSI EN 302 065-4, jitħalla jopera f'meded ta' frekwenza 2.5 sa 2.69 GHz u 2.9 sa 3.4 GHz b'densità spettrali ta' qawwa medja massima ta' -50 dBm/MHz.

[2] Bil-għan li jitħarsu s-servizzi tar-radju, stallazzjonijiet mhux fissi (applikazzjoni B) għandhom iwettqu din il-ħtieġa li ġejja għad-densità spettrali ta' qawwa rraddjata totali:

a) Fil-meded ta' frekwenza 2.5 sa 2.69 GHz u 4.8 sa 5 GHz, id-densità spettrali ta' qawwa rraddjata totali għandha tkun 10 dB anqas mid-densità spettrali ta' qawwa medja massima;

b) Fil-meded ta' frekwenza 3.4 sa 3.8 GHz, id-densità spettrali ta' qawwa rraddjata totali għandha tkun 5dB anqas mid-densità spettrali ta' qawwa medja massima.

[3] Limitazzjoni tad-*Duty Cycle* għal 10% għal kull sekonda.

5.2 Apparat għall-analisi ta' materjal tal-bini (BMA)

1. Apparat BMA permess taħt din l-Iskeda għandu jwettaq dawn il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) trasmettitur li jkun qed jaħdem biss jekk dan jiġi operat bl-idejn ma' swiċċ li ma jibblukkax kif ukoll jekk dan ikun f'kuntatt jew fil-viċin ħafna mal-materjal investigat u l-emissjonijiet jiġu diretti fid-direzzjoni tal-oġġett materjali;

(b) it-trasmettitur BMA għandu jitfi s-swiċċ wara massimu ta' 10 sekondi mingħajr ebda moviment;

(ċ) id-densità spettrali tal-qawwa rraddjata totali għandha tkun 5 dB anqas mill-limiti tad-densità spettrali ta' qawwa medja massima murija fit-tabella hawn aktar 'l isfel.

2. Emissjonijiet li jirradjaw minn apparat BMA għandhom kemm jista' jkun jinżammu baxxi u f'kull każ ma jkunux jeċċedu l-limiti ta' qawwa massima muri fit-tabella hawn aktar 'l isfel mal-apparat BMA fuq ħajt rappreżentattiv kif imfisser f'ETSI EN 302 065-4.

Tekniki ħtiġiet		
Medda ta' frekwenza	***Densità spettrali ta' qawwa medja massima* (e.i.r.p)**	***L-ogħla qawwa massima (e.i.r.p.)* (muri f'50 MHz)**
Taħt 1.73 GHz	-85 dBm/MHz[1]	-45 dBm
1.73 sa 2.2 GHz	-65 dBm/MHz	-25 dBm
2.2 sa 2.5 GHz	-50 dBm/MHz	-10 dBm
2.5 sa 2.69 GHz	-65 dBm/MHz[1]	-25 dBm

VERŻJONI ELETTRONIKA

2.69 sa 2.7 GHz	-55 dBm/MHz[2]	-15 dBm
2.7 sa 3.4 GHz	-70 dBm/MHz[1]	-30 dBm
3.4 sa 4.8 GHz	-50 dBm/MHz	-10 dBm
4.8 sa 5 GHz	-55 dBm/MHz[2]	-15 dBm
5 sa 8.5 GHz	-50 dBm/MHz	-10 dBm
'l fuq minn 8.5 GHz	-85 dBm/MHz	-45 dBm

[1] Apparat li juża mekkaniżmu ta' *Listen Before Talk* (LBT) deskritt fl-Istandard Armonizzat ETSI EN 302 065-4 jitħalla jopera f'medda ta' frekwenza 1.215 sa 1.73 GHz densità spettrali ta' qawwa medja massima ta' -70 dBm/MHz u fil-meded ta' frekwenza 2.5 sa 2.69 GHz u 2.7 sa 3.4 GHz b' densità spettrali ta' qawwa medja massima ta' -50 dBm/MHz.

[2] Bil-għan li jitħares is-Servizz ta' Radjo-Astronomija (RAS) fuq bandi 2.69 sa 2.7 GHz u 4.8 sa 5 GHz, id-densità spettrali tal-qawwa rraddjata totali għandha tkun anqas minn -65 dBm/MHz.".

Jissostitwixxi t-Tnax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

13. Minflok l-Anness mat-Tnax-il Skeda għandu jidħol dan li ġej:

"ANNESS MAL-TNAX-IL SKEDA
(Paragrafu 3 tat-Tnax-il Skeda)

Parametri tekniċi minimi tar-RFID

Banda ta' frekwenza	Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/limitu *ta' field strength*/limitu ta' densità tal-qawwa	Parametri addizzjonali	Parametri oħra għall-użu
400-600 kHz	-8 dBμA/m at 10 metri		
13553-13567 kHz	60 dBμA/m f'distanza ta' 10 metri	Il-trasmissjoni *mask* u l-ħtiġiet tal-antenna għal kull segment ta' frekwenza kombinat għandhom mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE.	

VERŻJONI ELETTRONIKA

865-868 MHz	2 W e.r.p. Trasmissjonijiet Interrogatriċi fuq 2 W e.r.p. huma permessi biss fi ħdan l-erba' kanali iċċentrati fuq 865.7 MHz, 866.3 MHz, 866.9 MHz u 867.5 MHz; kull wieħed b'banda ta' frekwenza massima ta' 200 kHz.	Għandhom jintużaw tekniki għal aċċess għall-ispettru u li jtaffu l-interferenza u mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE.	
2446.0-2454.0	500 mW e.i.r.p.	Għandhom jintużaw tekniki għal aċċess għall-ispettru u li jtaffu l-interferenza u mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE.	
2446.0-2454.0	>500 mW to 4 W e.i.r.p.	Limiti ta' *duty cycle*: 15% f'kull perjodu ta' 200 ms.	Ristrett biex jintuża fil-konfini ta' bini.

".

13. Minflok l-Anness mat-Tlettax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Jissostitwixxi t-Tlettax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

"ANNESS MAT-TLETTAX-IL SKEDA
(Paragrafu 3 tat-Tlettax-il Skeda)

Parametri tekniċi minimi ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni għal monitoraġġ, ittraċċjar u ksib ta' *data*

Banda ta' frekwenza	Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/	Parametri addizzjonali	Parametri oħra għall-użu
169.4-169.475 MHz	500 mW e.i.r.p.	Spazjar ta' kanali: ≤50 kHz. Limitu ta' *duty cycle*: 10%.	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet għall-użu hija disponibbli biss għal apparat tal-metraġġ.

VERŻJONI ELETTRONIKA

2483.5-2500 MHz	1 mW e.i.r.p.	Għandhom jintużaw tekniki ta' aċċess għall-ispettru u li jtaffu l-interferenza u li mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE. Modulazzjoni tal-banda ta' frekwenza: ≤ 3 MHz. Limitu ta' *duty cycle*: ≤ 10 %.	Il-ġabra ta' kondizzjonijiet għall-użu hija biss disponibbli għal sistemi mediċi ta' *network* tal-ġisem uman biex jintużaw ġewwa biss fil-qasam tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa.
2483.5-2500 MHz	10 mW e.i.r.p.	Għandhom jintużaw tekniki ta' aċċess għall-ispettru u li jtaffu l-interferenza u li mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE. Modulazzjoni tal-banda ta' frekwenza: ≤ 3 MHz. Limitu ta' *duty cycle*: ≤ 2 %.	Il-ġabra ta' kondizzjonijiet għall-użu hija biss disponibbli għal sistemi mediċi ta' *network* tal-ġisem uman biex jintużaw ġewwa biss fl-ambitu ta' dar ta' persuna.

".

Jemenda l-Erbatax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

15. L-Erbatax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subparagrafu (3) tal-paragrafu 4 tagħha għandu jitħassar;

(b) minflok l-Anness mal-Erbatax-il Skeda għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ANNESS MAL-ERBATAX-IL SKEDA
(Paragrafu 4 tal-Erbatax-il Skeda)

1. Bandi ta' frekwenza u sistemi permessi għal Servizzi MCA

Tabella 1

Tip	**Frekwenza**	**Sistema**
GSM 1 800	1710-1785 MHz (*uplink*) 1805-1880 MHz (*downlink*)	GSM li tkun konformi mal-Istandards tal-GSM kif pubblikati minn ETSI, partikolarment EN 301 502, EN 301 511 u EN 302 480, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti.
UMTS 2 100 (FDD)	1920-1980 MHz (*uplink*) 2110-2170 MHz (*downlink*)	UMTS li tkun konformi mal-Istandards tal-UMTS kif pubblikati minn ETSI, partikolarment EN 301 908-1, EN 301 908-2, EN 301 908-3 u EN 301 908-11, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti.
LTE 1 800 (FDD)	1710-1785 MHz (*uplink*) 1805-1880 MHz (*downlink*)	LTE li tkun konformi mal-Istandards tal-LTE, kif pubblikati minn ETSI, partikolarment EN 301 908-1, EN 301 908-13, EN 301 908-14, u EN 301 908-15, jew speċifikazzjonijiet ekwivalenti.

2. Prevenzjoni ta' konnessjoni ta' terminali mobbli ma' *networks* tal-art

It-terminali mobbli li jirċievu fil-bandi ta' frekwenza elenkati fit-Tabella 2 m'għandhomx jitħallew jippruvaw jirreġistraw ma' *networks* mobbli UMTS fuq l-art:

- bl-inklużjoni, fl-Apparat għal Servizzi ta' Komunikazzjoni Mobbli fuq Inġenji tal-Ajru, tal-NCU, li jtella' n-*noise floor* ġol-kabina f'bandi ta' frekwenza li jirċievu u li jkunu mobbli, u/jew;

- permezz ta' kopertura tal-qafas tal-inġenji tal-ajru sabiex jittaffa dejjem aktar is-sinjal li jidħol u joħroġ mill-qafas.

Tabella 2

Bandi ta' frekwenza (MHz)	**Sistemi fuq l-art**
925-960 MHz	UMTS (u GSM, LTE)
2110-2170 MHz	UMTS (u LTE)

Persuna li tgawdi awtorizzazzjoni ġenerali konformi ma' din l-Iskeda tista' wkoll tiddeċiedi li timplimenta l-NCU fil-bandi ta' frekwenza l-oħra elenkati fit-Tabella 3.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Tabella 3

Bandi ta' frekwenza (MHz)	**Sistemi fuq l-art**
460-470 MHz	LTE
791-821 MHz	LTE
1805-1880 MHz	LTE u GSM
2620-2690 MHz	LTE
2570-2620 MHz	LTE

3. Parametri tekniċi

(a) *Equivalent isotropic radiated power* (e.i.r.p.), 'il barra mill-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/*Node B* tal-inġenju tal-ajru

Tabella 4

L-e.i.r.p. totali, 'il barra mill-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/*Node B* tal-inġenju tal-ajru m'għandux jeċċedi:

Għoli mill-art (m)	**L-ogħla e.i.r.p. tas-sistema 'il barra mill-inġenju tal-ajru f'dBm/kanal**		
	NCU	**BTS tal-inġenju tal-ajru/*Node B* tal-inġenju tal-ajru**	**BTS tal-inġenju tal-ajru/ *Node B* tal-inġenju tal-ajru**
	Banda: 900 MHz	**Banda: 1800 MHz**	**Banda: 2100 MHz**
	Kanal Banda ta' frekwenza= 3.84 MHz	**Kanal Banda ta' frekwenza= 200 kHz**	**Kanal Banda ta' frekwenza= 3.84 MHz**
3000	-6.2	-13.0	1.0
4000	-3.7	-10.5	3.5
5000	-1.7	-8.5	5.4
6000	-0.1	-6.9	7.0
7000	1.2	-5.6	8.3
8000	2.3	-4.4	9.5

(b) *Equivalent isotropic radiated power* (e.i.r.p.), 'il barra mill-inġenju tal-ajru, mit-terminal li hemm abbord

Tabella 5

L-e.i.r.p., 'il barra mill-inġenju tal-ajru, mit-terminali mobbli m'għandux jeċċedi:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Għoli mill-art (m)	**L-e.i.r.p. totali, 'il barra mill-inġenju tal-ajru, mit-terminali mobbli GSM f'dBm/200 kHz**	**L-e.i.r.p. totali, 'il barra mill-inġenju tal-ajru, mit-terminali mobbli LTE f'dBm/5 MHz**	**L-e.i.r.p. totali, 'il barra mill-inġenju tal-ajru, mit-terminali mobbli UMTS f'dBm/ 3.84 MHz**
	GSM 1800 MHz	**LTE 1800 MHz**	**UMTS 2100 MHz**
3000	-3.3	1.7	3.1
4000	-1.1	3.9	5.6
5000	0.5	5	7
6000	1.8	5	7
7000	2.9	5	7
8000	3.8	5	7

Meta persuna li tgawdi awtorizzazzjoni ġenerali konformi ma' din l-Iskeda tiddeċiedi li timplimenta l-NCU fl-bandi ta' frekwenza elenkati fit-Tabella 3, l-ogħla valuri murija fit-Tabella 6 japplikaw għall-e.i.r.p. totali 'il barra mill-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/ *Node B* tal-inġenju tal-ajru, flimkien mal-valuri msemmija fit-Tabella 4.

Tabella 6

Għoli mill-art (m)	**L-e.i.r.p. totali, 'il barra mill-inġenju tal-ajru, mill-NCU/BTS tal-inġenju tal-ajru/*Node B* tal-inġenju tal-ajru**			
	460-470 MHz	**791-821 MHz**	**1805-1880 MHz**	**2570-2690 MHz**
	dBm/1.25 MHz	**dBm/10 MHz**	**dBm/200 kHz**	**dBm/4.75 MHz**
3000	-17.0	-0.87	-13.0	1.9
4000	-14.5	1.63	-10.5	4.4
5000	-12.6	3.57	-8.5	6.3
6000	-11.0	5.15	-6.9	7.9
7000	-9.6	6.49	-5.6	9.3
8000	-8.5	7.65	-4.4	10.4

(ċ) Ħtiġiet operattivi

I. L-għoli minimu mill-art għal kull trażmissjoni minn apparat għal Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Mobbli fuq Inġenju tal-Ajru li jkun qed jopera għandu jkun ta' 3000 metru.

II. Waqt li jopera, il-BTS tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa ta' trażmissjoni għal kull *GSM* terminali mobbli li jkun qed jittrażmetti fil-banda 1800 MHz għal valur nominali ta' 0 dBm/200 kHz fl-istadji kollha ta' komunikazzjoni, inkluż l-aċċess inizzjali.

III. Waqt li jopera, in- *Node B* tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa ta' trażmissjoni ta' kull terminali mobbli *LTE* li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jkun qed jittrażmetti fil-banda 1800 MHz għal valur nominali ta' 5 dBm/5 MHz fl-istadji kollha ta' komunikazzjoni.

IV. Waqt li jopera, in-*Node B* tal-inġenju tal-ajru għandu jillimita l-qawwa ta' trażmissjoni ta' kull terminali mobbli *UMTS* li jkun qed jittrażmetti fil-banda 2100 MHz għal valur nominali ta' -6 dBm/3.84 MHz fl-istadji kollha ta' komunikazzjoni u l-ammont massimu ta' utenti m'għandux jaqbeż l-20.".

Jemenda l-Ħmistax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

16. Fl-Anness mal-Ħmistax-il Skeda għandha tiżdied din ir-ringiela ġdida li ġejja taħt ir-ringiela għall-banda ta' frekwenza "169.4875-169.5875 MHz":

Banda ta' frekwenza	Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/	Parametri addizzjonali	Parametri oħra għall-użu
173.965-216 MHz	10 mW e.r.p.	Spazjar ta' kanali: massimu 50 kHz. Jenħtieġ livell ta' 35 dBµV/m sabiex jiġi żgurat il-ħarsien ta' riċevitur ta' *digital audio broadcasting* (DAB) li jkun jinsab f'għoli ta' 1.5 m mill-apparat li jgħin fis-smigħ, sakemm il-kejl tal-qawwa tas-sinjal DAB jittieħdu madwar l-apparat li jgħin fis-smigħ li jopera fil-post. L-apparat li jgħin fis-smigħ għandu jopera taħt kull ċirkostanza mill-inqas 300 kHz 'il bogħod minn tarf il-kanal ta' kanal DAB okkupat. Għandhom jintużaw tekniki biex jiġi aċċessat l-ispettru u tittaffa l-interferenza u li jkunu mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE.".	

Jemenda s-Sittax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

17. Fl-Anness mas-Sittax-il Skeda, minflok il-kliem "Direttiva 1999/5/KE" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Direttiva 2014/53/UE".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Jemenda s-Sbatax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

18. Is-Sbatax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok it-titolu "Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli" għandu jidħol it-titolu "Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli li joperaw ma' *Geostationary Satellite Networks*";

(b) fil-paragrafu 1 tagħha, minnufih wara l-kliem "Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli" għandhom jiżdiedu l-kliem "li joperaw ma' *Geostationary Satellite Networks*";

(ċ) fil-paragrafu 2 tagħha, t-tifsira "servizz minn satellita fissa" għandha titħassar;

(d) minflok it-titolu tal-Anness tagħha, għandhom jidħlu l-kliem "Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli li joperaw ma' *Geostationary Satellite Networks*";

(e) fil-paragrafu 5 tal-Anness tagħha, minflok il-kliem "Regolamenti R&TTE" għandhom jidħlu l-kliem "Direttiva 2014/53/UE".

Jemenda t-Tmintax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

19. Fl-Anness mat-Tmintax-il Skeda, minflok il-kliem "Regolamenti R&TTE" għandhom jidħlu l-kliem "Direttiva 2014/53/UE".

Jemenda d-Dsatax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

20. L-Anness mad-Dsatax-il Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Regolamenti R&TTE" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Direttiva 2014/53/UE";

(b) it-tabella li hemm fiha, minflok ir-ringiela għall-banda ta' frekwenza "2483.5-2500 MHz" għandha tidħol din li ġejja:

"Banda ta' frekwenza	Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/	Parametri addizzjonali	Parametri oħra għall-użu
2483.5-2500 MHz	10 mW e.i.r.p.	Għandhom jintużaw tekniki biex taċċessa l-ispettru u ttaffi l-interferenza li mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fl-istandards armonizzati adottati taħt id-Direttiva 2014/53/UE. Spazjar ta' kanali: 1 MHz. Kull banda ta' frekwenza tista' tintuża wkoll dinamikament bħala kanal uniku għal trasmissjonijiet ta' *data* b'veloċità għolja. Limitu tad-*duty cycle*: 10 %.	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet ta' użu hija biss disponibbli għal tagħmir mediku attiv li jista' jiġi impjantat. *Peripheral master units* huma għall-użu fuq ġewwa biss.

VERŻJONI ELETTRONIKA

".

Jemenda l-Wieħed u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

21. Il-Wieħed u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "ETSI EN 301 428" għandu jidħol dan li ġej:

" "ETSI EN 301 428" tfisser Stazzjonijiet Satellitari u Sistemi (SES); Standard Armonizzat għal Terminal b'Apertura Żgħira Ħafna (VSAT); Jittrasmettu-biss, jittrasmettu/jirċievu jew jirċievu-biss stazzjonijiet tal-art satellitari li joperaw fil-bandi ta' frekwenza 11/12/14 GHz li jkopru l-ħtiġiet essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE;";

(b) fil-paragrafu 4 tiegħu il-kliem "m'għandux jintuża f'distanza li tlaħħaq aktar minn 500 metru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandu jintuża f'distanza li tlaħħaq aktar minn 500 metru".

Jemenda t-Tielet u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

22. Fil-paragrafu 4 tat-Tlieta u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali l-kliem "m'għandhomx jintużaw f'distanza ta' aktar minn 500 metru" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandhom jintuzaw f'distanza ta' aktar minn 500 metru".

Jemenda l-Erbgħa u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

23. L-Erbgħa u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok it-tifsira "EN 302 186" għandu jidħol dan li ġej:

" "ETSI EN 302 186" tfisser Stazzjonijiet Satellitari u Sistemi (SES); Standard Armonizzat għal Standard mobbli satellitari tal-art għal inġenji tal-ajru (AESs) li joperaw fil-bandi ta' frekwenza fl-11/12/14 GHz u li jkopri l-ħtiġiet essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE;";

(b) minnufih wara s-subparagrafu (2) tal-paragrafu 4 tal-Erbgħa u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandu jiżded dan is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(3) It-tħaddim ta' stazzjon tal-art ta' inġenju tal-ajru fuq l-art, jista' jsir bla ħsara għal kull kondizzjoni jew limitazzjoni, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, li tista' tiġi imposta mill-Awtorità jew mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-settur tal-avjazzjoni.".

Jemenda l-Ħamsa u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

24. Il-Ħamsa u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara s-subparagrafu (3) tal-paragrafu 4 tagħha għandhom jiżdiedu dawn is-subparagrafi ġodda li ġejjin;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"(4) F'dawk il-każijiet fejn l-istazzjon tal-art abbord xi bastiment jopera fil-banda ta' frekwenza 5925 - 6425 MHz u meta dak l-istess stazzjon tal-art ikun installat fuq bastiment li jkun f'pożizzjoni f'distanza ta' inqas minn 300 kilometru mill-marka tal-baħar baxxa ta' xi pajjiż, il-persuna li tkun qegħda topera dak l-istess stazzjon tal-art għandha tikseb l-approvazzjoni bil-quddiem tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż qabel ma topera l-istazzjon tal-art abbord bastimenti minn dik il-pożizzjoni:

Iżda l-istazzjon tal-art abbord xi bastiment għandu jtemm it-trasmissjonijiet tiegħu jekk xi pajjiż iġarrab interferenza dannuża kaġunata mill-istazzjon tal-art abbord dak il-bastiment.

(5) F'dawk il-każijiet fejn l-istazzjon tal-art abbord xi bastiment jopera fil-banda ta' frekwenza 14.0 - 14.5 GHz u meta dak l-istess stazzjon tal-art ikun installat fuq bastiment li jkun f'pożizzjoni f'distanza ta' inqas minn 125 kilometru mill-marka tal-baħar baxxa ta' xi pajjiż, il-persuna li tkun qegħda topera dak l-istess stazzjon tal-art għandha tikseb l-approvazzjoni bil-quddiem tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż qabel ma topera l-istazzjon tal-art abbord bastimenti minn dik il-pożizzjoni:

Iżda l-istazzjon tal-art abbord xi bastiment għandu jtemm it-trasmissjonijiet tiegħu jekk xi pajjiż iġarrab interferenza dannuża kaġunata mill-istazzjon tal-art abbord il-bastimenti.

(6) Il-ħtieġa deskritta fil-paragrafu (5) ta' dan il-paragrafu li jkollhom x'jaqsmu mal-ksib tal-approvazzjoni bil-quddiem tal-pajjiżi li jkunu f'distanza ta' inqas minn 125 kilometru ma tapplikax meta l-pajjiżi li jinsabu 'il ġewwa minn dik id-distanza jkunu dawk elenkati f'*footnote* 5.506B tal-Pjan Nazzjonali ta' Frekwenzi għar-Radju.";

(b) fit-Tabella (a) "ESV li joperaw fil-bandi ta' frekwenza 4/6 GHz" tal-Anness magħha, minflok in-numru "17 dBW" għandu jidħol in-numru "17 dBW/MHz";

(ċ) fit-Tabella (b) "ESV li jopera fil-bandi ta' frekwenza 11/ 12/14 GHz" tal-Anness magħha, minflok in-numru "12.5 dBW" għandu jidħol in-numru "12.5 dBW/MHz";

Jemenda s-Sitta u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

25. L-Anness mas-Sitta u Għoxrin Skeda, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "Regolamenti R&TTE" kull fejn dawn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "Direttiva 2014/53/UE";

(b) fit-tabella li hemm magħha, minflok il-kliem fil-banda ta' frekwenza "5795-5805 MHz" għandhom jidħlu l-kliem "5795-5815

VERŻJONI ELETTRONIKA

MHz";

(ċ) fit-tabella li hemm magħha, għandha tiżdied din ir-ringiela ġdida li ġejja wara l-banda ta' frekwenza "76-77 GHz":

Banda ta' frekwenza	Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni / limitu ta' *field strength* / limitu ta' densità tal-qawwa	Parametri addizzjonali	Parametri oħra għall-użu
76-77 GHz	30 dBm *peak* e.i.r.p. u 3dBm/MHz qawwa medja ta' densità tal-ispettru	Limitu ta' *duty cycle* ≤ 56 %/s	Din il-ġabra ta' kondizzjonijiet għall-użu hija biss disponibbli għal sistemi ta' detezzjoni tal-ostakli għall-użu fl-inġenji li jaħdmu bl-iskrejjen.

".

Jemenda s-Sebgħa u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

26. Is-Sebgħa u Għoxrin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 tagħha għandu jitħassar; u

(b) il-paragrafi 5 u 6 tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi 4 u 5.

Jemenda d-Disgħa u Għoxrin Seda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

27. Id-Disgħa u Għoxrin Seda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2 tagħha t-tifsira "negozjant" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "negozjant" iffisser kull min jeżerċita xi attivita' kummerċjali u, jew jipprogramma jew jissetja b' kwalunkwe mod ikun kif ikun imsemmi, xi apparata,";

(b) is-sub-paragrafu (1) tal-paragrafu (3) tagħha għandu jigi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(1) Negozjant għandu biss jipprogramma dawk il-frekwenzi tar-radju jew kanali, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, li jkunu ġew assenjati mill-Awtorità bil-miktub lil xi persuna wara li tkun waslitilha talba bil-miktub għall-assenjament ta' radju frekwenza jew kanal:

Iżda meta jkun qiegħed jipprogramma l-apparat b'dawk il-frekwenzi tar-radju jew kanali, ikun x'ikun l-isem li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jista' jingħatalhom, in-negozjant għandu jimxi wkoll ma' kull kondizzjoni jew limitazzjoni teknika, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, li l-Awtorità tista' timpani meta tkun qegħda tassenja dawk il-frekwenzi tar-radju jew kanali:

Iżda wkoll l-ipprogrammar tal-apparat ta' frekwenzi tar-radju jew kanali, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, ħlief dawk assenjati bil-miktub mill-Awtorità għandhom jitqiesu bħala kontravvenzjoni tal-Att.".

Jemenda l-Wieħed u Tletin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

28. Il-Wieħed u Tletin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 tagħha għandu jitħassar;

(b) il-paragrafu 5 tagħha għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu 4;

(ċ) minflok il-paragrafu 5 kif enumerat mill-ġdid għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) L-użu ta' apparat PMSE *audio* mingħajr fili fil-medda ta' frekwenza ta' operazzjoni bejn 694 MHz u 790 MHz ma jitħalliex isir aktar wara l-31 Diċembru, 2020.

(2) L-Awtorità tista', hekk kif hemm fid-disposizzjoni tal-artikolu 27 tal-Att, wara li tippubblika avviż fis-sit elettroniku uffiċjali tagħha, timponi limitazzjonijiet addizzjonali dwar l-użu ta' apparat PMSE *audio* mingħajr fili fil-medda ta' frekwenza ta' operazzjoni bejn 470 MHz u 782 MHz:

Iżda dak l-avviż għandu jiġi pubblikat mill-inqas 60 jum qabel ma jiġu imposti dawk il-limitazzjonijiet addizzjonali:

Iżda wkoll dawk il-limitazzjonijiet addizzjonali jistgħu jkollhom x'jaqsmu wkoll mar-restrizzjoni ta' sotto-bandi ta' frekwenza fl-istess medda ta' frekwenza ta' operazzjoni minn apparat PMSE *audio* bla fili.

(3) Kull persuna li tkun bi ħsiebha tuża apparat PMSE audio mingħajr fili fuq il-medda ta' frekwenza ta' operazzjoni bejn 823 MHz u 832 MHz għandha tipprovdi lill-Awtorità informazzjoni dwar kif tista' tiġi kuntattjata. Din l-informazzjoni tista' tintuża mill-Awtorità f'każijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' interferenza dannuża.";
u

(d) minflok it-Tabella taħt "A1. Parametri Tekniċi Minimi għal Apparat PMSE għal *Audio* Mingħajr fili" għandha tidħol din it-tabella

VERŻJONI ELETTRONIKA

ġdida li ġejja:
"

Frekwenza Banda	Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni	Parametri addizzjonali	Parametri oħra għall-użu
29.7-34.9 MHz	30 mW e.r.p.	Spazjar ta' kanali (massimu): 50 kHz	
37.5-40.98 MHz	30 mW e.r.p.	Spazjar ta' kanali (massimu): 50 kHz	
470-526 MHz 534-550 MHz 558-566 MHz 574-582 MHz 590-606 MHz 614-646 MHz 654-662 MHz 670-750 MHz 758-766 MHz 774-782 MHz	50 mW e.r.p.		Ara s-subparagrafi 4(1), 4(2).
823-832 MHz	Ara A2 hawn aktar 'l isfel		Ara s-subparagrafu 4(3).
863-865 MHz	10 mW e.r.p.		
1785-1805 MHz	Ara A3 hawn aktar 'l isfel		

".

Jemenda t-Tnejn u Tletin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

29. It-Tnejn u Tletin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minflok it-tifsira " "servizzi ta' komunikazzjoni mobbli abbord bastimenti" jew "servizzi MCV" għandu jidħol dan li ġej:

"servizzi ta' komunikazzjoni mobbli abbord bastimenti" jew "servizzi MCV" tfisser servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi provduti minn intrapriża biex il-persuni abbord bastiment ikunu jistgħu jikkomunikaw permezz ta' *networks* ta' komunikazzjoni pubblika billi jużaw sistema kif hemm fil-paragrafu 3 ma' din l-Iskeda mingħajr ma jistabbilixxu konnessjonijiet diretti ma' *networks* bażati fuq l-art;";

Kap. 399.

(ii) t-tifsira " "stazzjon transriċevitur bażi ta' bastiment" jew "BS ta' bastiment" minflok għandu jidħol dan li ġej:

" "stazzjon transriċevitur bażi ta' bastiment" jew "BS ta' bastiment" tfisser *pico-cell* mobbli li jkun jinsab

VERŻJONI ELETTRONIKA

fuq bastiment u li jkun ta' sostenn għas-servizzi ta' GSM, LTE jew UMTS f'konformità mal-Anness ma' din l-Iskeda;";

(iii) minnufih qabel it-tifsira "EN 301 502", għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Deċiżjoni 2011/251/UE" tfisser id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 t'April, 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2009/766/KE dwar l-armonizzazzjoni tal-bandi ta' frekwenza 900 MHz u 1800 MHz għal sistemi terrestri li huma kapaċi jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pan-Ewropej fil-Komunità (2011/251/UE);"

(iv) minnufih wara t-tifsira "il-banda 1800 MHz", għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet li ġejjin:

" "il-banda 1900/2100 MHz" tfisser 1920-1980 MHz bħala *uplink* (terminal ta' trasmettitur, riċevitur ta' stazzjon bażi) u l-banda 2110-2170 MHz bħala *downlink* (trasmettitur ta' stazzjon bażi, terminal ta' riċevitur);

"il-banda 2600 MHz" tfisser 2500-2570 MHz bħala *uplink* (terminal ta' trasmettitur, riċevitur ta' stazzjon bażi) u l-banda 2620-2690 MHz bħala *downlink* (trasmettitur ta' stazzjon bażi, terminal ta' riċevitur);";

(v) it-tifsira "ibħra territorjali" jew "baħar territorjali" għandha titħassar;

(vi) minnufih wara t-tifsira "sistema GSM", għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "sistema LTE" tfisser *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif imfisser fid-Deċiżjoni 2011/251/UE;

"sistema UMTS" tfisser *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kif imfisser fid-Deċiżjoni 2011/251/UE;"; u

(b) minflok l-Anness mat-Tnejn u Tletin Skeda għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"ANNESS MAT-TNEJN U TLETIN SKEDA
(Paragrafu 3 tat-Tnejn u Tletin Skeda)

Parametri Tekniċi Minimi għal Servizzi ta' Komunikazzjoni

Mobbli abbord bastimenti

Kondizzjonijiet li għandhom jitħarsu minn sistema li tipprovdi servizzi MCV fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, sabiex tiġi evitata interferenza dannuża lil *networks* mobbli bażati fuq l-art

(1) Kondizzjonijiet li għandhom jitħarsu minn sistemi GSM li joperaw fil-banda 900 MHz u fil-banda 1800 MHz li jipprovdu servizzi MCV fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri, sabiex tiġi evitata interferenza dannuża lil *networks* mobbli bażati fuq l-art

Dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) Is-sistema li tipprovdi servizzi MCV m'għandhiex tiġi użata eqreb minn 2 mili nawtiċi* mill-linja bażi, kif imfisser fl-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;

(b) Jistgħu jintużaw biss antenni interni ta' BS ta' bastiment bejn 2 mili u 12-il mil nawtiku mill-linja bażi;

(ċ) Limiti li għandhom jiġu stabbiliti għal terminali mobbli meta użati abbord bastiment u għal BS ta' bastiment:

Parametru	Deskrizzjoni
Qawwa ta' trasmissjoni/ densità ta' trasmissjoni	Għal terminali mobbli użati abbord bastimenti u kontrollati mill-BS ta' bastiment fil-banda 900 MHz, l-ogħla qawwa radjata emittenti: 5 dBm
	Għal terminali mobbli użati abbord bastimenti u kontrollati mill-BS ta' bastiment fil-banda 1800 MHz, l-ogħla qawwa radjata emittenti: 0 dBm
	Għal stazzjonijiet bażi abbord bastimenti, l-ogħla densità ta' trasmissjoni mkejla fi spazji esterni tal-bastiment, b'riferenza għal 0 dBi ta' kemm tirċievi antenna: -80 dBm/200 kHz

* Mil nawtiku = 1852 metru

VERŻJONI ELETTRONIKA

Aċċess għal kanal u regoli ta' okkupazzjoni	Għandhom jintużaw tekniċi għat-tnaqqis tal-interferenza li mill-inqas jipprovdu prestazzjoni ekwivalenti għal dawn il-fatturi ta' mitigazzjoni li ġejjin, abbażi tal-istandards tal-GSM: - bejn 2 u 3 mili nawtiċi mill-linja bażi, is-sensittività tar-riċevitur u l-limitu ta' diskonnettjar (ACCMIN[2] u l-livell minimu RXLEV[3]) tal-terminali mobbli użat abbord bastiment ikun daqs jew ogħla minn -70 dBm/200 kHz u bejn 3 u 12 mili nawtiċi mill-linja bażi daqs jew ogħla minn -75 dBm/200 kHz; - trasmissjoni mhux kontinwa[4] għandha tiġi attivata fis-sistema MCV fid-direzzjoni *uplink*; - il-valur ta' *timing advance*[5] tal-BS ta' bastiment jiġi regolat fil-valur minimu.
2 ACCMIN (RX_LEV_ACCESS_MIN); kif deskritt f'GSM standard ETSI TS 144 018 3 RXLEV (RXLEV-FULL-SERVING-CELL); kif deskritt f'GSM standard ETSI TS 148 008 4 Trasmissjoni mhux kontinwa, jew DTX; kif deskritt f'GSM standard ETSI TS 148 008 5 Avvanz fiż-żmien; kif deskritt f'GSM standard ETSI TS 144 018	

(2) Kondizzjonijiet li għandhom jitħarsu minn sistemi UMTS fil-bandi 1900/2100 MHz li jipprovdu servizzi MCV fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri, sabiex jevitaw interferenza dannuża lil *networks* mobbli bażati fuq l-art

Għandhom japplikaw dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sistema li tipprovdi servizzi MCV m'għandhiex tiġi użata eqreb minn żewġ mili nawtiċi mill-linja bażi, kif imfisser fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;

(b) għandhom jintużaw biss antenni interni ta' BS ta' bastiment bejn żewġ mili nawtiċi u tnax-il mil nawtiku mill-linja bażi;

(ċ) tista' tintuża biss banda ta' frekwenza sa 5 MHz (*duplex*);

(d) għandhom jiġu stabbiliti limiti għal terminali mobbli meta użati abbord bastiment u għall-BS ta' bastiment:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Parametru	Deskrizzjoni
Qawwa ta' trasmissjoni/densità ta' trasmissjoni	Għal terminali mobbli li jkun qed jittrasmetti fil-banda 1900 MHz użat abbord bastimenti u kontrollat mill-BS ta' bastiment li jkun qed jittrasmetti fil-banda 2100 MHz, l-ogħla qawwa radjata emittenti: 0 dBm/5 MHz
Emissjonijiet minn fuq il-pont	L-emissjoni BS ta' bastiment minn fuq il-pont għandha tkun dads jew inqas minn -102 dBm/5 MHz (Kanal Komuni tal-Pilota)
Aċċess għal kanal u regoli ta' okkupazzjoni	Bejn 2 mili u 12-il mil nawtiku mill-linja bażi, il-kriterji ta' kwalità (il-livell minimu meħtieġ ta' sinjal iriċevut fiċ-ċellula) għandu ikunu daqs jew ogħla minn: -87 dBm/5 MHz
	Is-*selection timer* tal-*Public Land Mobile Network* għandu jiġi regolat għal 10 minuti
	Il-parametru ta' *timing advance* għandu jiġi regolat hekk kif tkun il-medda taċ-ċellula għas-sistema ta' antenna distribwita MCV ugwali għal 600 m
	Ir-*release timer* ta' inattività tal-utent tar-*Radio Resource Kontroll* għandu jiġi regolat għal 2 sekondi
Non-allinjament ma' *networks* fuq l-art	Il-frekwenza ta' *carrier centre* MCV m'għandux jiġi allinjat ma' *network carriers* fuq l-art

(3) Kondizzjonijiet li għandhom jitħarsu minn sistemi LTE fil-banda 1800 MHz u l-banda 2600 MHz li jipprovdu servizzi MCV fl-ibħra territorjali tal-Istati Membri, sabiex tiġi evitata interferenza dannuża għal *networks* mobbli bażati fuq l-art

Għandhom japplikaw dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-sistema li tipprovdi servizzi MCV m'għandhiex tiġi użata eqreb minn 4 mili nawtiċi mill-linja bażi, kif imfisser fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar;

(b) għandhom jintużaw biss antenni interni ta' BS ta' bastiment bejn 4 mili nawtiċi u 12-il mil nawtiku mill-linja bażi;

(ċ) tista' tintuża biss banda ta' frekwenza sa 5 MHz (*duplex*) għal kull banda ta' frekwenza (1800 MHz u 2600 MHz);

(d) għandhom jiġu stabbiliti limiti għal terminali mobbli meta użati abbord bastiment u għall-BS ta' bastiment:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Parametru	**Deskrizzjoni**
Qawwa ta' trasmissjoni/ densità ta' trasmissjoni	Għal terminali mobbli użati abbord bastimenti u kontrollati mill-BS ta' bastiment fil-banda 1800 MHz u l-banda 2600 MHz, l-ogħla qawwa radjata emittenti: 0 dBm
Emissjonijiet minn fuq il-pont	L-emissjoni BS ta' bastiment minn fuq il-pont għandha tkun daqs jew inqas minn -98 dBm/5 MHz (ekwivalenti għal -120 dBm/15 kHz)
Aċċess għal kanal u regoli ta' okkupazzjoni	Bejn 4 mili nawtiċi u 12-il mil nawtiku mill-linja bażi, il-kriterji ta' kwalità (il-livell ta' sinjal minimu meħtieġ riċevut fiċ-ċellula) għandhom ikunu daqs jew ogħla minn: -83 dBm/5 MHz (ekwivalenti għal -105 dBm/15 kHz)
	Is-*selection timer* tal-*Public Land Mobile Network* għandu jiġi regolat għal 10 minuti
	Il-parametru ta' *timing advance* għandu jiġi regolat hekk kif tkun il-medda taċ-ċellula għas-sistema ta' antenna distribwita MCV ugwali għal 400 m
	Ir-*release timer* ta' inattività tal-utent tar-*Radio Resource Kontroll* għandu jiġi regolat għal 2 sekondi
Non-allinjament ma' *networks* fuq l-art	Il-frekwenza ta' *carrier centre* MCV m'għandux jiġi allinjat ma' *network carriers* fuq l-art

".

30. Minnufih wara t-Tnejn u Tletin Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn l-Iskedi ġodda li ġejjin:

Iżid it-Tlieta u Tletin u l-Erbgħa u Tletin Skedi ġodda mar-regolamenti prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

"IT-TLIETA U TLETIN SKEDA
(Regolament 3)

Awtorizzazzjoni Ġenerali għal *Radiobeacons*

Applikabilità tat-Tlieta u Tletin Skeda.

1. Din l-Awtorizzazzjoni Ġenerali tapplika għal kull persuna li tinstalla jew tuża ċertu tipi ta' *Radiobeacons* jew kull apparat maħsub biex jintuża bħala parti komponenti ta' dak l-apparat.

Tifsir.

2. F'din l-Iskeda sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor:

"COSPAS-SARSAT" tifsser sistema internazzjonali ta' sejbien u tqassim ta' tagħrif permezz ta' allerta ta' periklu għal tfittxija u salvataġġ bażata fuq is-satellita;

"EPIRB" tfisser *Emergency Position-Indicating Radio Beacon*;

"apparat għas-sejbien ta' direzzjoni" tfisser *beacon* prinċipalment maħsub għas-sejbien ta' direzzjoni minn inġenju tal-ajru;

"IBRD" tfisser l-*International Beacon Registration Database* miżmum minn COSPAS-SARSAT li huwa disponibbli fl-indirizz elettroniku https://www.406registration.com/ jew f'kull indirizz ieħor li jista' jiġi stabbilit minn COSPAS-SARSAT;

"PLB" tfisser *Personal Locator Beacon*;

"*radiobeacons*" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni bħalma huma EPIRB jew PLB, li l-emissjonijiet tiegħu huma maħsuba biex jiffaċilitaw tfittxija u operazzjonijiet ta' salvataġġ;

"Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ" tfisser il-Forzi Armati ta' Malta jew kull entità oħra li tista' tkun responsabbli għall-koordinazzjoni ta' tfittxija marittima u operazzjonijiet ta' salvataġġ; u

"*Standard Location Protocol*" huwa mezz kif jiġi identifikat PLB li juża numru tas-serje uniku allokat mill-manufattur tal-PLB u akkumpanjat b'numru ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip COSPAS-SARSAT PLB.

Kondizzjonijiet li japplikaw għal EPIRB.

3. (1) Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 1 ta' din l-Iskeda, din l-awtorizzazzjoni ġenerali ma tapplika għal ebda EPIRB installat b'mod permanenti fuq il-bastimenti li jaqgħu fl-ambitu tal-Konvenzjoni SOLAS.

(2) Kull EPIRB għandu jkun jista' jopera fuq il-banda ta' frekwenza 406.0 sa 406.1 MHz u għandu jkun provdut b'apparat

VERŻJONI ELETTRONIKA

għas-sejbien ta' direzzjoni li jopera fuq 121.5 MHz.

(3) Kull EPIRB għandu jiġi reġistrat mal-Awtorità għat-Trasport jew ma' kull awtorità kompetenti oħra li l-Awtorità tista' tqis bħala waħda adatta fiċ-ċirkostanzi.

(4) Kull persuna li tgawdi minn awtorizzazzjoni ġenerali konformi ma' din l-Iskeda għandha tiżgura li l-bastiment mnejn l-EPIRB jista' jiġi attivat jew użat, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, jiġi assenjat MMSI mill-awtorità kompetenti:

Iżda dik il-persuna għandha tiżgura wkoll li l-EPIRB ikun programmat kif imiss bin-numru tal-MMSI assenjat:

(5) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5 ta' din l-Iskeda, persuna għandha biss tattiva jew tuża, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħata għal dan, EPIRB minn abbord bastiment:

Iżda wkoll l-EPIRB programmat bin-numru tal-MMSI assenjat għandu jiġi biss attivat jew użat abbord il-bastiment assoċjat mal-istess MMSI:

Iżda wkoll persuna li tkun qegħda tittrasferixxi jew tirriloka, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħata għal dan, EPIRB minn bastiment għall-ieħor, għandha tikseb l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti qabel ma tinstalla l-EPIRB fuq il-bastiment l-ieħor.

(6) MMSI assenjat ma' jistax jiġi trasferit minn bastiment għall-ieħor.

Kondizzjonijiet li japplikaw għal PLB.

4. (1) Kull PLB għandu jkun jista' jopera fuq il-banda ta' frekwenza 406.0 sa 406.1 MHz u għandu jkun provdut b'apparat għas-sejbien ta' direzzjoni li jopera fuq 121.5 MHz.

(2) Kull PLB għandu jkollu sistema interna ta' navigazzjoni globali bis-satellita.

(3) Kull persuna li tgawdi minn awtorizzazzjoni ġenerali konformi ma' din l-Iskeda għandha tiżgura li kull PLB li jkollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha jkun reġistrat kif imiss mal-IBRD:

Iżda PLB m'għandux jingħarr minn persuna, jew abbord bastiment jew inġenju tal-ajru kemm-il darba dak il-PLB ma jkunx reġistrat fl-IBRD:

Iżda wkoll dik il-persuna għandha tiżgura li d-dettalji reġistrati fl-IBRD ikunu preċiżi f'kull waqt u aġġornati minnufih jekk

VERŻJONI ELETTRONIKA

u kull meta jkun meħtieġ:

Iżda wkoll id-dettalji reġistrati fl-IBRD għandhom jiġu wkoll aġġornati minnufih sabiex jirriflettu sitwazzjonijiet meta l-PLB jiġi trasferit bejn persuna w oħra.

(4) Kull persuna li tgawdi minn awtorizzazzjoni ġenerali konformi ma' din l-Iskeda għandha tiżgura li kull PLB li jkollha fil-pussess tagħha jew taħt il-kontroll tagħha, ikun kodifikat kif hemm fil-*standard location protocol* u programmat biċ-ċifra ta' identifikazzjoni marittima 256:

Iżda l-programmar ta' PLB b'MMSI huwa projbit.

(5) Kull persuna li tkun qegħda ġġorr PLB fuq bastiment reġistrat barra minn Malta jew inġenju tal-ajru reġistrat barra minn Malta filwaqt li dak il-bastiment jew inġenju tal-ajru jkun jinsab f'Malta, għandha timxi mal-modalitajiet tekniċi u operattivi, kondizzjonijiet u limitazzjonijiet, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-ħtieġa li jiġi reġistrat il-PLB fl-IBRD konformi mal-paragrafu 4(3) ma tapplikax jekk il-PLB li jinġarr abbord il-bastiment jew inġenju tal-ajru reġistrat barra minn Malta jiġi reġistrat f'*database* ta' reġistrazzjoni PLB alternattiv.

(6) Kull persuna li tgawdi minn awtorizzazzjoni ġenerali konformi ma' din l-Iskeda għandha tiżgura li kull PLB li jinġarr abbord xi bastiment jew inġenju tal-ajru reġistrat f'Malta filwaqt li dak il-bastiment jew inġenju tal-ajru jkun jinsab 'il barra Malta, għandha timxi mal-modalitajiet, kondizzjonijiet u limitazzjonijiet, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, li jistgħu jkunu japplikaw f'dik iż-żona jew lokazzjoni, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, fejn il-bastiment jew l-inġenju tal-ajru jista' jkun jinsab.

Kondizzjonijiet komuni li japplikaw għal *radiobeacons*.

5. (1) *Radiobeacons* jistgħu jiġu biss attivati jew użati, ikun kif ikun dan deskritt, biex tingħata allerta dwar xi periklu:

Iżda *radiobeacons* għandu biss jitqies bħala mezz sekondarju ta' allerta dwar periklu u għandu jiġi biss attivat meta ebda mezz ieħor biex jintbagħtu allerti ta' periklu ma jkun disponibbli f'dak il-waqt partikolari:

Iżda wkoll jekk għal xi raġuni jiġi attivat jew użat *radiobeacon*, isir kif isir dan, b'mod mhux intenzjonat, il-persuna li tosserva dik l-attivazzjoni jew użu għandha tavża minnufih liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ biex dan iħassar l-allert tal-periklu:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda wkoll f'sitwazzjonijiet meta l-persuna li kienet tinsab fil-periklu tkun attivat *radiobeacon* u mbagħad dik il-persuna ma tibqax aktar f'dak il-periklu, għaldaqstant, dik il-persuna nnifisha għandha minnufih tavża liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ biex dan iħassar l-allert tal-periklu.

(2) Kull persuna li tgawdi minn awtorizzazzjoni ġenerali konformi ma' din l-Iskeda għandha tiżgura li qabel ma *radiobeacon* jintrema, il-batterija ta' dak ir-*radiobeacon* titneħħa u r-*radiobeacon* isir inoperattiv.

L-ERBGĦA U TLETIN SKEDA
(Regolament 3)

Awtorizzazzjoni Ġenerali għal Stazzjonijiet Terrestri u Marittimi tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli (ESOMP) li joperaw ma' *Non-Geostationary Satellite Networks*

Applikabilità tal-Erbgħa u Tletin Skeda.

1. Din l-Iskeda tapplika għal kull persuna li tinstalla jew tuża apparat for Stazzjonijiet Terrestri u Marittimi tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli li joperaw ma' *Non-Geostationary Satellite Networks* jew kull apparat maħsub biex jintuża bħala parti komponenti ta' dak l-apparat.

Tifsir.

2. F'din l-Iskeda:

"pajjiżi CEPT" tfisser il-pajjiżi jew amministrazzjonijiet li huma membri tal-Konferenza Ewropea ta' Amministrazzjonijiet Postali u Telekomunikazzjonijiet;

"stazzjonijiet tal-art fuq pjattaformi mobbli" jew "ESOMP" tfisser terminali li jkollhom ma' antenni direzzjonali żgħar għall-monitoraġġ tas-satelliti sabiex jiġu provduti servizzi ta' komunikazzjoni *broadband* mingħajr fili, li joperaw f' *non-geostationary satellite networks*, minn pjattaformi mobbli;

"*ECC Report 066*" tfisser ir-rapport żviluppat mill-Kumitat dwar Komunikazzjonijiet Elettroniċi ta' CEPT fuq il-protezzjoni ta' inġenji tal-ajru minn stazzjonijiet tal-art satellitari li joperaw fuq l-art fil-qrib ta' ajruporti;

"epfd" tfisser *equivalent power flux-density*;

"pjattaformi mobbli" tfisser bastiment jew vettura tal-art jew li tista' tkun tagħmir trasportabbli li jintuża waqt moviment jew f'waqfiet għal ftit ħin;

"faċilità għall-kontroll ta' *network*" jew "NCF" (*network control facility*) tfisser sett ta' entitajiet funzjonali li, f'livell ta' sistema,

VERŻJONI ELETTRONIKA

iservu ta' monitoraġġ u kontroll fuq it-tħaddim kif imiss tal-ESOMP u, jekk ikun adatt, in-*network* tal-ESOMP kollu; u

"pfd" tfisser *power flux-density.*

Limitazzjonijiet.

3. (1) Kull ESOMP li ma jiġix installat jew użat f'Malta għandu jimxi mal-modalitajiet, kondizzjonijiet jew limitazzjonijiet li jistgħu jkunu japplikaw fiż-żona jew fil-pajjiż, ikun x'ikun l-isem li jista' jingħatalhom, fejn ikun installat jew użat.

(2) M'għandux jiġi installat ebda ESOMP fuq inġenju tal-ajru.

Parametri tekniċi minimi.

4. (1) Kemm-il darba ma jiġix speċifikat xort'oħra fil-Pjan ta' Frekwenza Nazzjonali, kull ESOMP għandu jopera f'dawn il-bandi ta' frekwenza li ġejjin:

(a) 19.7-20.2 GHz (mill-ispazju lejn l-art) u 29.5-30 GHz (mill-art lejn l-ispazju);

(b) 17.3-19.7 GHz (mill-ispazju lejn l-art), 27.5-27.8285 GHz (mill-art lejn l-ispazju) u 28.4445-28.8365 GHz (mill-art lejn l-ispazju); u

(ċ) 28.8365-28.9485 GHz (mill-ispazju lejn l-art).

(2) Kull ESOMP għandu jopera taħt il-kontroll ta' faċilità għall-kontroll ta' *network*.

(3) Il-parametri tekniċi minimi ta' kull ESOMP għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness ma' din l-Iskeda.

ANNESS MAL-ERBGĦA U TLETIN SKEDA
(Paragrafu 4 tal-Erbgħa u Tletin Skeda)

Parametri Tekniċi Minimi għal Stazzjonijiet Terrestri u Marittimi tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli li joperaw ma' *Non-Geostationary Satellite Networks*

A. Ħtiġiet tekniċi u operattivi għal kull ESOMP li jopera fil-bandi ta' frekwenza 17.3-20.2 GHz u 27.5-29.1 GHz u 29.5-30.0 GHz

Kull ESOMP li topera fil-bandi ta' frekwenza 17.3-20.2 GHz u 27.5-29.1 GHz u 29.5-30.0 GHz għandu jħares dawn il-ħtiġiet tekniċi u operattivi li ġejjin:

1. Il-protezzjoni ta' *geostationary FSS networks* li joperaw fil-bandi 27.5-28.6 GHz u 29.5-30.0 GHz minn kull ESOMP li jopera f'sistemi mhux ġeostazzjonarji għandha tinkiseb billi jkun hemm

VERŻJONI ELETTRONIKA

konformità mal-limiti epfd stipulati f'Nru. 22.5D tar-Regolamenti tar-Radju. Il-protezzjoni ta' *FSS geostationary networks* u sistemi *FSS non-geostationary* li joperaw fil-banda 28.6-29.1 GHz għandha tkun fuq il-bażi ta' kull ftehim ta' koordinazzjoni rilevanti milħuq bejn l-amministrazzjonijiet u l-operaturi konformi ma' Nru. 9.11A tal-Regolamenti tar-Radju.

2. Id-disinn, koordinazzjoni u operazzjoni ta' kull ESOMP għandu jqis dawn il-fatturi li ġejjin sakemm dawn ikunu jiżguraw konformità mal-kondizzjonijiet speċifikati f'nru. 1 hawn aktar qabel:

(a) antenna mhux f'direzzjoni korretta;

(b) varjazzjonijiet fil-mudell tal-antenna;

(ċ) varjazzjonijiet fit-trasmissjoni e.i.r.p

3. Kull ESOMP li juża *closed-loop tracking* tas-sinjal tas-satellita għandu juża algoritmu li jkun jiflaħ isib u jittraċċa sinjali minn satellita fil-qrib. Kull ESOMP għandu minnufih jinibixxi trasmissjonijiet meta jintlemaħ li jkun sar jew ikun wasal biex isir traċċar bis-satellita mhux intenzjonat.

4. Kull ESOMP għandu jkun jista' jagħmel monitoraġġ tiegħu nnifsu u jekk tintlemaħ xi ħsara li tista' tikkaġuna interferenza dannuża lil *networks* FSS jew dawk terrestri, l-ESOMP għandha awtomatikament twaqqaf it-trasmissjonijiet tagħha.

5. Kull ESOMP għandu jkun konformi mal-Istandard Ewropew Armonizzat EN 303 979, "Stazzjonijiet u Sistemi tal-Art Satellitari (SES); mal-Istandard Ewropew Armonizzat għal Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli (ESOMP) li jkun qed jittrasmetti lejn satelliti f'orbita mhux ġeostazzjonarja fil-bandi ta' frekwenza 27.5-29.1 GHz u 29.5-30.0 GHz biex ikopru l-ħtiġiet essenzjali tal-Artikolu 3.2 tad-Direttiva 2014/53/UE".

B. Ħtiġiet tekniċi u operattivi addizzjonali għal kull ESOMP li jopera fil-bandi ta' frekwenza 17.3-19.7 GHz u 27.5-29.1 GHz

Kull ESOMP li topera fil-bandi ta' frekwenza 17.3-19.7 GHz u 27.5-29.1 GHz għandu jħares (b'żieda ma' A hawn qabel) dawn il-ħtiġiet tekniċi u operattivi li ġejjin:

1. Fit-territorju ta' xi pajjiż, *off-axis*[*] *e.i.r.p. spectral density* radjata minn xi ESOMP għal ġol-bandi ta' servizz fiss (iġifieri 27.8285-28.4445 GHz, 28.8365-28.9485 GHz (meta dawn ikunu japplikaw) u 28.9485-29.1 GHz) għandhom ikunu limitati għal -35

VERŻJONI ELETTRONIKA

dBW/MHz. Dan il-limitu għandu, f'kull każ, jitħares minn kull ESOMP fuq l-art, fuq ibħra territorjali jew fuq ibħra interni, f'direzzjoni ta' 3 gradi jew anqas 'il fuq minn pjan orizzontali lokali f'kull terminali ESOMP.

2. Fit-territorju ta' xi pajjiż, ebda ESOMP m'għandu jkollu t-trufijiet tal-banda okkupati fit-trasmissjoni eqreb minn 10 MHz mit-trufijiet tal-bandi identifikati minn dak il-pajjiż biex jitħaddmu minn servizzi fissi.

3. L-angolu ta' elevazzjoni tal-antenna għandu jkun ogħla minn 3 gradi.

4. Fl-banda 28.8365-28.9485 GHz, il-limitu tal-valuri pfd fil-paragrafu 6 għandu japplika għat-territorju ta' pajjiż li jawtorizza sistemi fis-servizz fiss f'din il-banda u dan m'għandux jinqabeż, kemm-il darba ma jkunx sar ftehim bil-quddiem mill-pajjiż/i involut/i li jkunu jistgħu jinqabżu dawn il-valuri.

5. Fl-bandi 27.8285-28.4445 GHz u 28.9485-29.1 GHz, il-limitu tal-valuri pfd mogħti fil-paragrafu 6 għandu japplika għat-territorju ta' kull pajjiż CEPT u dan m'għandux jinqabeż, kemm-il darba ma jkunx sar ftehim bil-quddiem mill-pajjiż/i involut/i li jkunu jistgħu jinqabżu dawn il-valuri.

6. Dwar kull ESOMP installat fuq bastimenti, il-limitu tal-valuri pfd huwa -109 dB(W/m^2) f'banda ta' frekwenza ta' referenza 14 MHz f'għoli ta' 20 metru 'l fuq mill-livell medju tal-baħar fil-marka baxxa tal-ilma tat-territorju tal-pajjiżi mfissra fil-paragrafi 4 u 5 hawn aktar qabel.*

7. Sabiex tiġi żgurata konformità mad-disposizzjonijiet tal-pfd hawn qabel imsemmija kull ESOMP għandu jkun jista' jagħmel monitoraġġ tiegħu nnifsu f'dawk li huma funzjonijiet u mekkaniżmi awtomatiċi (lokalment, jew taħt il-kontroll tal-NCF) biex jitnaqqas l-e.i.r.p. tiegħu jew jitwaqqfu t-trasmissjonijiet.

8. Limitazzjonijiet nazzjonali li japplikaw għal stazzjonijiet tal-art FSS mhux koordinati sabiex tiġi evitata interferenza transkonfini lejn servizzi fissi jew mobbli fl-istess banda f'pajjiż

---

* *Off-axis* tirreferi għal angoli akbar minn 7° mill-assi tar-raġġ prinċipali jew għal angoli li jkunu akbar mill-angolu ta' elevazzjoni minimu dikjarat tal-ESOMPs, skond liema jkun l-ibaxx.

* Il-valur pfd t'hawn qabel mhuwiex imfisser bħal ma hu taħt kondizzjonijiet ta' "free-space". Il-perċentaġġ ta' żmien li għandu jintuża fil-mudell ta' propagazzjoni meta tkun qegħda tiġi evalwata l-konformità ma' dan il-limitu ta' PFD għandu jkun 0.007%.

VERŻJONI ELETTRONIKA

adjaċenti għandhom japplikaw għal kull ESOMP bażat fuq l-art u għal kull ESOMP li jopera fuq ibħra territorjali u fuq passaġġi interni fuq l-ilma fl-istess pajjiż bħall-istazzjonijiet tal-art FSS mhux koordinati.

C. Protezzjoni ta' Inġenji tal-Ajru minn kull ESOMP li jopera fuq wiċċ l-art fl-qrib ta' ajruport

1. Iż-żona ta' koordinazzjoni tinkludi l-ispazju fil-konfini tal-perimetru tal-ajruport b'żieda ma' spazju 'li ddawwar il-perimetru tal-konfini. L-ispazju ta' koordinazzjoni huwa dipendenti mill-e.i.r.p. u minn karatteristiċi orbitali tas-sistema ta' orbita mhux ġeostazzjonarja.

2. Tabella 1 telenka l-ispazji ta' koordinazzjoni li għandhom jintużaw għall-protezzjoni ta' inġenji tal-ajru fl-qrib ta' ajruporti minn kull ESOMP li dwaru l-ispazji ta' koordinazzjoni ma jkunux ġew stabbiliti bħala li jużaw il-metodoloġija mogħtija f'*ECC Report 066*.

ESOMP e.i.r.p.	>40 dBW	50 dBW	>55 dBW	>60 dBW
Nota: Dawn l-ispazji ta' koordinazzjoni m'humiex dipendenti fuq il-latitudni tal-ESOMP	Spazju ta' Koordinazzjoni	Spazju ta' Koordinazzjoni	Spazju ta' Koordinazzjoni	Spazju ta' Koordinazzjoni
	500 m sa 1500 m	1500 m sa 3000 m	3000 m sa 6000 m	6000 m u aktar 'l hinn

L-ispazji ta' koordinazzjoni murija fit-Tabella 1 inkisbu għal dan li ġej:

(a) kriterju ta' *field strength* fl-inġenju tal-ajru ta' 20 V/m

(b) angolu ta' elevazzjoni massimu tal-antenna tal-istazzjon tal-art ta' ESOMP mhux ġeostazzjonarja ugwali għal 90°

(ċ) l-antenna tal-istazzjon tal-art għandha għoli ta' (H) 0 m

(d) il-*glide path angle* (α) hi ta' 3°

Tabella 2 telenka l-ispazji ta' koordinazzjoni li għandhom jintużaw għall-protezzjoni ta' inġenji tal-ajru fl-qrib ta' ajruporti minn kull ESOMP tas-sistema mhux ġeostazzjonarja msejħa O3b li jkollha dawn il-karatteristiċi li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

B 3840

Deskrizzjoni tal-orbita: pjan ekwatorjali f'altitudni ta' 8062 km

e.i.r.p. ta' ESOMP: e.i.r.p. massimu ta' 70 dBW (taħt kondizzjonijiet *rain fade*)

e.i.r.p. nominali 60.6 dBW

e.i.r.p. taħt kondizzjonijiet ta' sema ċar 61.9 dBW

ESOMP	>40 dBW	>45 dBW	>50 dBW	>55 dBW	>60 dBW	>61 dBW	>62 dBW	>68 dBW
Medda tal-e.i.r.p.	>45 dBW	>50 dBW	>55 dBW	>60 dBW	>61 dBW	>62 dBW	>68 dBW	>70 dBW
Latitudni tal-ESOMP	Spazju ta' Ko-ordinazzjoni	Spazju ta' Ko-ordinazzjoni	Spazju ta' Ko-ordinazzjoni	Spazju ta' Ko-ordinazzjoni	Spazju ta' Ko-ordinazzjoni	Spazju ta' Ko-ordinazzjoni	Spazju ta' Ko-ordinazzjoni	Spazju ta' Ko-ordinazzjoni
$>50^0$N	288 m	511 m	909 m	1614 m	1814 m	2036 m	4062 m	5113 m
45^0-500	378 m	673 m	1197 m	2128 m	2388 m	2679 m	5346 m	6730 m
40^0-50^0N	465 m	827 m	1471 m	2616 m	2936 m	3294 m	6572 m	8274 m
35^0-40^0N	547 m	973 m	1730 m	3076 m	3451 m	3872 m	7726 m	9726 m
30^0-35^0N	646 m	1149 m	2044 m	3635 m	4079 m	4576 m	9131 m	11495 m

".